Gwe 2816 P.B.

# PARROĊĊA SAN SEBASTJAN, QORMI




**Tifkira tal-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa San Sebastjan, Ħal Qormi.**

Pubblikazzjoni 'SLIEM U ĦAJJA'

DG
999
.Q6
P3

# MESSAĠĠ
# MILL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA
# ĠWANNI PAWLU II



SECRETARIAT OF STATE
No.165.818

FROM THE VATICAN, 19 December 1985

The Holy Father was pleased to be informed that Saint Sebastian Parish in Qormi is celebrating the Golden Jubilee of its establishment.

On this joyful anniversary His Holiness is united spiritually with all the members of the Parish. He gives thanks to the Lord for the graces bestowed on the parishioners over the past half century through the preaching of the word of God and through the sacramental ministry of the Church, especially through the Eucharistic Sacrifice, which in the expression of the Second Vatican Council remains "the source and summit of all Christian life" (Lumen Gentium, 11).

The Holy Father prays that this commemoration will be for the whole community an occasion for renewed fervour in authentic Christian living, according to the standards of the Gospel.

With these sentiments His Holiness sends his Apostolic Blessing in pledge of joy and peace in Jesus Christ.

With every personal good wish, I remain

Yours sincerely in Christ

+E. Martinez
Substitute

GODFREY WETTINGER BEQUEST - UNIVERSITY OF MALTA - LIBRARY SERVICES



# MESSAĠĠ TA' MONSINJUR ARĊISQOF LILL-POPLU TA' ALLA FIL-PARROĊĊA TA' SAN SEBASTJAN F'ĦAL-QORMI, FL-OKKAŻJONI TAD-DEDIKAZZJONI TAL-KNISJA TAL-PARROĊĊA

*Hu ħsieb ta' min ifaħħru l-ħsieb li ridtu torbtu d-dedikazzjoni tal-knisja tagħkom mat-tifkira tal-ħamsin sena mit-twaqqif tal-parroċċa u maċ-ċelebrazzjoni tas-sollennità tal-qaddis protettur tagħkom, San Sebastjan.*

*Il-poplu kollu ta' Alla li jgħix u jgħammar fil-parroċċa tagħkom żgur hu llum ferħan fuq li ferħan għaliex qiegħed jara mitmuma l-ħolma li bdiet ħamsin sena ilu, u issa jista' jinġabar jagħti qima lil Alla f'tempju kbir u sabiħ li tassew jixraq lill-Mulej u li issa se jiġi dedikat lilu b'mod l-aktar solenni b'rit mill-isbaħ tal-Liturġija tal-Knisja.*

*Kull ġebla ta' dan il-bini hi simbolu ta' kull familja tal-parroċċa tagħkom, ta' kull wieħed u waħda min-nies li jgħixu għad-dell tal-knisja ta' San Sebastjan, tfal, żgħażagħ u xjuħ, nisa u rġiel: ilkoll ġebel ħaj fil-bini ta' dak it-tempju li hu x-xirka ta' l-imgħammdin fi Kristu, il-ġemgħa ta' l-insara miġburin fl-għaqda tal-Missier, u ta' l-Iben, u ta' l-Ispirtu s-Santu, ġemgħa li tagħha hu xbieha u simbolu dan il-bini tal-ġebel, li hu fl-istess ħin id-dar ta' Alla u l-bieb tas-sema.*

*F'dan il-bini, f'din id-dar tat-talb, jinġabar il-poplu ta' Alla biex jagħtih il-qima li tistħoqqlu u tixraqlu, biex jisma' l-kelma tal-ħajja, biex jitwettaq fit-tama ta' dejjem bit-tisħib fis-sagramenti mqaddsa.*

*Minn dan il-bini, li fil-ġmiel tiegħu jagħtina dehra dgħajfa tal-Knisja tas-sema, tat-tempju mqaddes mibni fuq is-sisien tal-Appostli bi Kristu bħala l-ġebla tax-xewka, il-Mulej ixerred fuqkom xita ta' grazzji li jħassru l-ħtijiet u jagħtu ħajja ġdida fi Kristu lil dawk li kienu mejta minħabba d-dnub.*

*F'dan it-tempju sabiħ u mdawwal, intom tinġabru madwar l-artal imqaddes għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' l-Għid tal-Mulej, u tieħdu l-ħajja f'ruħkom billi tersqu għall-mejda li jħejji għalikom hawn il-Mulej, il-mejda tal-Kelma tiegħu u l-mejda tal-Ġisem u d-Demm għażiż tiegħu.*

*F'dan il-post imqaddes tidwi kuljum l-offerta tagħkom ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla, għaliex hu tajjeb, għaliex it-tjieba tiegħu għal dejjem.*

*Hawn fejn Ġesù qiegħed igħammar fostna, il-foqra jsibu ħniena, il-maħqurin ħelsien tassew, u l-bnedmin kollha d-dinjità ta' wlied Alla, sa ma jaslu ferħana fil-belt tassema, Ġerusalemm il-ġdida, il-Knisja ta' dejjem, l-Għarusa ta' Kristu kollha ġmiel u sbuħija, bla ebda għajb u xejn minn dak kollu li jiġi min-nuqqasijiet tal-bnedmin.*

*Huma dawn il-ħsibijiet li rrid naqsam magħkom fl-okkażjoni tad-dedikazzjoni tal-knisja tagħkom, iżda qabel nagħtikom il-barka pastorali tiegħi, lilkom ilkoll li ħadtu sehem fil-bini ta' din il-knisja u qegħdin tħossu ferħ kbir illum, nixtieq li tiftakru wkoll f'dawk kollha, saċerdoti u lajċi, li tul il-ħamsin sena għexu f'din il-parroċċa u xtaqu jaraw mitmuma l-ħolma li qiegħda sseħħ illum. M'humiex magħna għax qegħdin mal-Mulej; mhumiex magħna, imma qegħdin jifirħu magħna u jfaħħru 'l Alla ma' l-Anġli u l-Qaddisin tiegħu fis-sema.*

*Intemm dan il-messaġġ tiegħi billi nitlob il-barka ta' Alla fuq il-kappillan u l-kleru kollu tal-parroċċa tagħkom, fuq il-familji kollha, fuq dawk ukoll li llum jinsabu 'l bogħod iżda qegħdin jaqsmu magħkom il-ferħ ta' dan il-jum qaddis, u, b'mod speċjali, fuq iż-żgħażagħ u t-tfal, fuq il-morda u l-andikappati, fuq ix-xjuħ u r-romol tagħkom, fuq ir-raħal kollu, fuq pajjiżna, fuq id-dinja kollha biex il-Mulej iseddaq il-ħajja ta' kulħadd fis-sliem u jwassalna lkoll għall-hena ta' dejjem.*

*B'rahan ta' dan kollu minn qalbi nagħtikom il-barka pastorali tiegħi.*

*Mill-Kurja, il-Furjana, illum 18 ta' Diċembru 1985.*

+ [illegible signature]



# MESSAĠĠ TAL-KAPPILLAN LILL-PARROĊĊA KOLLHA FL-OKKAŻJONI TAL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA

*Naħseb li f'dawn il-ħamsin sena tal-parroċċa tagħna, ma kienx hemm ġrajja aktar importanti u tant mistennija daqs dik tal-ftuħ u t-tberik tal-knisja tagħna. U wieħed jista' jimmaġina għaliex. Il-parroċċa ma kellhiex dak li kien meħtieġ biex jagħmilha sħiħa u jpoġġiha fuq l-istess livell ta' parroċċi oħra. U dan hu t-Tempju. Din kienet ir-raġuni li minħabba fiha l-parroċċa kollha ħolmot, xtaqet u ssagrifikat lilha nfisha biex fl-aħħar ikollha tempju xieraq.*

*Il-ħsieb, l-enerġija u l-ħidma tal-parroċċa kellhom jikkonċentraw lilhom infushom fuq il-bini tal-knisja. U jekk ix-xewqa li l-knisja titlesta kienet kbira, ma kienux inqas kbar is-sagrifiċċji u t-tbatija li minnhom għaddiet il-parroċċa. U għalhekk il-knisja tagħna hija għażiża għal kull wieħed u waħda minna.*

*Issa li għaddew dawn l-ewwel ħamsin sena, aħna fid-dmir li nħarsu 'l quddiem u naħdmu biex nagħtu xejra ġdida lill-ħajja tal-parroċċa tagħna. Hemm bżonn li noħorġu minna nfusna – niftakru li aħna parti mhux biss mill-Knisja Maltija, iżda aħna niffurmaw parti mill-Knisja Universali.*

*L-ewwel ħaġa li se nagħmlu hija li se nagħtu l-knisja tagħna – l-aktar ħaġa għażiża li għandna – lil Alla. Din tfisser il-konsagrazzjoni li se nagħmlu fid-19 ta' Jannar, 1986. Bħala konsegwenza ta' din il-ġrajja, jenħtieġ li nieħdu bis-serjetà d-dmirijiet li dħalna għalihom bis-sagrament tal-magħmudija li lkoll irċevejna. Bil-magħmudija, sirna wlied Alla, l-Missier tagħna lkoll. Il-mod li bih ngħix, il-mod li bih naqdi dmirijieti irid juri li jiena iben Alla. Minn dan jiġi li jenħtieġ li jkollna ħeġġa li nħobbu lil Alla fuq kollox, li nuru li ma nistgħux ngħaddu mingħajru.*

*Min-naħa l-oħra, għax aħna mgħammdin, aħna lkoll aħwa. Hemm bżonn li dan l-anniversarju ifakkarna fid-dmir li għandna li nħobbu lil xulxin. Il-parroċċa għandha tkun familja waħda. U mhux bil-kliem, imma bil-fatti. Għalhekk il-motto li ntgħażel għal din is-sena: IL-PARROĊĊA: FAMILJA MADWAR L-ARTAL. Irridu nagħmlu ħilitna biex ningħaqdu ma' Alla għax Hu biss jista' jgħaqqadna bejnietna u jagħmilna familja waħda.*

*Għandi tama qawwija li minkejja kull diffikultà, l-ħamsin sena li ġejjin żmien ta' progress kbir fil-ħajja nisranija tal-parroċċa. Nitolbu lil Alla biex, bl-interċessjoni ta' Ommna Marija u tal-Qaddis tagħna San Sebastjan, din it-talba tiġi mismuħa.*

*Nitlob li l-Barka t'Alla tinħass fil-qalb tal-membri kollha tal-paroċċa.*

Kappillan

# *PAULINA JEWELLERS*

## (R. VELLA Co. Ltd.)

86, St. Sebastian Street, Qormi
442A Fleur-de-Lys Road, B'Kara.

**FOR GOLD, SILVER, WATCHES AND GIFTS**



# GEORGE CASHA

248, Main Street, Qormi.
Tel. 47116

**Għal kull xogħol**

**ta' għamara u skultura.**

Insure with:
**ROYAL INSURANCE (INT.) LTD.**
**GALDES & MAMO**
General agents for Malta
All classes of insurance
Salesman:
**CARMEL MANGION**
*GENERAL STORE*

Undertakes all kinds of Insurances
House – Building – Contents
Commercial Premises
Employers' Liability
Third Party (Public) Liability
Personal Accident
Yacht and Pleasure Craft
Marine Cargo
Travel
Plate Glass
Motor

**160, Pinto Street, Qormi.**
*(in Pjazza Vittorja)*
**Mangion House, 197, Mdina Road, Qormi.**
**Tel: 47118**

# AGIUS

**PHOTO STUDIOS**

## L-ISEM HU L-GARANZIJA



3c, St. Sebastian Str.,
Qormi
Tel 47009

136 Pawla Sqr.,
Pawla
Tel 826270

L-okkażjonijiet ta' llum huma l-memorji sbieħ tal-futur. Araw it-Tieġ jew okkażjonijiet tagħkom fuq il-Video, Television, Cine jew Ritratti.

CAMERAS & PROJECTORS FOR SALE
Free film service.
Passport photos in 10 seconds.


MCR
MELI
CAR RENTALS LTD.
FREMOND STR., QORMI, MALTA.
CABLES: 'MELICAR'
* ROLLS ROYCE – CHRYSLER – MERCEDES BENZ
CHAUFFEUR DRIVEN CARS
* LUGGAGE TRANSPORT
* LUXURY COACHES
* CAR & VAN HIRE
* TAXI SERVICE
* MINI BUSES
Tel: 47030
496588
MELI
MELI

# JOE'S
## MUSIC CENTRE

***Radios, Radio Cassettes, Record Players, Portable T.V.,Stereo 'three in one', Hi Fi Equipment, Car Stereos and Watches.***

60, St. Bartholomew Street, Qormi – Tel: 491276
(Prop. Joe Grech)





## FRANS FALZON

**Jagħmel kwalunkwe xogħol ta' għamara, bibien, twieqi u poġġamani.**

Irrikorru: Huts 15 u 16, Industrial Estate, Luqa. Tel: 784296

**Editorjal**

*Bi pjacir inqeghdulkom f'idejkom dan il-ktejjeb fl-okkazjoni tal-Hamsin Anniversarju mit-twaqqif tal-parrocca taghna.*

*Il-parrocca ta San Sebastjan f'Hal Qormi hija relattivament zaghzugha. Izda wkoll ghandha l-istorja taghha. Erba' snin ilu fl-okkazjoni tal-ftuh u t-tberik tal-Knisja, fid-29 ta' Mejju, 1982, konna ppubblikajna ktieb bl-istorja tal-Knisja Parrokjali taghna. Illum waqt li qeghdin niccelebraw il-Hamsin sena mit-twaqqif tal-parrocca hsibna li naghtu harsa lejn il-pre-istorja tal-parrocca taghna:*

*fl-artiklu principali, Joseph F. Grima jikteb dwar il-grajja li sehhew f'din il-parti tar-rahal taghna qabel ma saret parrocca; ghandna wkoll studji xjentifici miktuba minn Antonio Espinoza Rodriguez, Mario Buhagiar u l-Perit Michael Ellul dwar l-istatwa titulari tal-Patrun taghna San Sebastjan, dwar xoghlijiet ohra ta' arti li nsibu fil-parrocca taghna u dwar il-Knisja z-Zghira. Nixtieq minn qalbi nirringrazzja hafna lil dawn il-kontributuri taghna.*

*J'Alla din il-pubblikazzjoni tkun ta' nteress ghal dawk kollha li tigi f' idejhom.*

*Dun Karm Mercieca*
*EDITUR*

## TAQSIR TAL-KLIEM

(a) *Arkivji:*

| | |
|---|---|
| AAM | Arkivju Arċiveskovili, Malta |
| APSQ | Arkivju Parrokkjali, Parroċċa San Sebastjan, Qormi |
| NAV | Arkivju tan-Nutara, Valletta |

(b) *Klem iehor:*

| | |
|---|---|
| f./ff. | folja/folji |
| ibid. | l-istess fondi (ta' informazzjoni) |
| idem | l-istess |
| infra | f'dan il-ktieb |
| op.cit. | in opere citato (fix-xogħol diġà ċċitat) |
| p./pp. | pagina/paġini |
| passim | 'l hemm u 'l hawn |
| r. | recto (il-faċċata minn quddiem) |
| RV | reġistru tal-Viċi Parroċċa (ta' San Sebastjan) |
| v. | verso (il-faċċata minn wara) |
| Vol. | Volum/Volumi |
| VP | Vista (jew Żjara) Pastorali |

GODFREY WETTINGER BEQUEST
UNIVERSITY OF MALTA
LIBRARY SERVICES

# IL-VIĊI PARROĊĊA TA' SAN SEBASTJAN F'ĦAL QORMI (1918 – 1936)

minn Joseph F. Grima*

Il-5 ta' Jannar 1986 hu l-ħamsin anniversarju minn meta ħa l-pussess l-ewwel kappillan tal-parroċċa ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi. F'din id-data, b'konformità mad-digriet tal-erezzjoni ta' din il-parroċċa maħruġ mill-Arċisqof Dom Mawru Caruana OSB fil-25 ta' Ottubru 1935, bdiet verament il-ħajja parrokkjali ta' din il-parroċċa ġdida.[1] Issa li qiegħed jiġi mfakkar dan l-avveniment ta' ħamsin sena ilu, tajjeb li wieħed jipprova janalizza x'kien hawn flok din il-parroċċa għall-qadi tal-bżonnijiet spiritwali tan-nies tal-inħawi u x'kienu s-sisien li fuqha nbniet il-parroċċa l-ġdida. Ta' min jgħid ukoll li din hi l-unika parroċċa f'Malta u Għawdex iddedikata lil San Sebastjan Martri. Għalhekk, ta' min wieħed jinnota l-iżvilupp tal-venerazzjoni li ngħatat mill-Qormin lil dan il-qaddis li fl-aħħar wasal biex inħatar il-patrun ta' parroċċa f'Ħal Qormi.

L-iskop ta' din il-kitba, għalhekk, hi prinċipalment li tipprova twassal lill-qarrej biex jifhem il-ġrajjiet li, maż-żmien, wasslu għall-avveniment ta' ħamsin sena ilu, li hi l-ġrajja li qiegħda tiġi mfakkra.

**Il-Kult ta' San Sebastjan Bejn is-Sekli 16 u 19**

Li Ħal Qormi hu wieħed mill-irħula antiki u kbar ta' Malta hi ħaġa magħrufa.[2] Minkejja l-ħerba li t-Torok wettqu f'Malta fl-Assedju l-Kbir tal-1565, jidher li Ħal Qormi ma damx ma beda jiġi fuq saqajh. Naraw li fl-1575, f'Ħal Qormi kien hawn 240 dar[3] li tfisser popolazzjoni ta' madwar 1,200 ruħ.

Hi f'din l-istess sena li nsibu l-ewwel ħjiel tal-kult ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi. Fi Frar tal-1575, seħħet il-Vista Appostolika ta' Mons. Pietru Dusina li jagħti lista ta' 22 knisja u kappelli li kienu jeżistu fir-raħal u fil-limiti tiegħu; kappella minnhom kienet iddedikata lil San Sebastjan. Iżda din il-kappella tidher li kienet fi stat ħażin u ġie rrapportat li la kellha rettur u renti, u kienet nieqsa wkoll mill-bieb ta' barra.[4] Il-Vista Pastorali tal-1585 ma ssemmihiex din il-knisja[5] iżda tissemma vagament fil-Vista tal-1588.[6]

Ma terġa' qatt aktar tissemma kappella ddedikata lil San Sebastjan f'Ħal Qormi. Iżda, fil-Vista Pastorali tal-1601, tissemma' għall-ewwel darba kappella ddedikata lil Santu Rokku. L-Isqof Gargallo jgħidilna li din il-kappella kellha kwadru titulari li fuqu kien hemm impitter Santu Rokku bi xbihat ta' San Pawl u San Sebastjan fuq il-lemin u x-xellug tiegħu.[7] Din l-istess informazzjoni nsibuha ripetuta fil-Visti Pastorali kollha ta' bejn l-1604 u l-1653.[8]

Iżda hawnhekk weħidha tiġi l-mistoqsija "Fejn eżatt kienet il-kappella ta' San Sebastjan?" Preċiż ma nistgħux ngħidu iżda x'aktarx kienet ħdejn il-knisja tal-

Vitorja preżenti. Dan niddeduċuh mill-fatt li meta ma ssemmitx aktar il-kappella ta' San Sebastjan, dan il-qaddis insibuh imdaħħal fl-ikona tal-kappella ta' Santu Rokku li kienet tmiss mal-knisja tal-Vitorja.[9] Jista' jagħti l-każ, iżda din hi biss ipotesi, li San Sebastjan daħħluh fil-kwadru ta' Santu Rokku għax il-kappella l-ġdida nbniet fuq il-lok fejn qabel kien hemm il-kappella mġarrfa ta' San Sebastjan. Min-naħa l-oħra, irridu ngħidu wkoll li f'Malta kien hawn diversi kwadri oħrajn ta' Santu Rokku li miegħu kien hemm impittra San Pawl u San Sebastjan bħal, ngħidu aħna, fil-kappella ta' Santu Rokku f'Ħal Balzan u fuq l-artal ta' l-istess qaddis fil-knisja parrokkjali tal-Birgu.[10]

Iżda, maż-żmien, il-kappella ta' Santu Rokku wkoll ġiet ipprofanata. Dan seħħ fil-Vista Pastorali tal-Isqof Balaguer da Camarasa li pprofanaha fil-5 ta' Novembru 1656 u ordna li l-ikona tittieħed fil-knisja parrokkjali, fejn kellha tibda ssir il-festa, u l-kappella tiġi mbarrata bil-ġebel. Ta' min isemmi li l-istess xorti messet lill-knisja tal-Vitorja.[11]

Hawn ta' min ifakkar li San Sebastjan huwa wieħed mit-tliet qaddisin li l-Ewropej l-aktar kienu jitolbuh għall-interċessjoni tiegħu meta kienet tiskoppja l-pesta. Qablu, fl-ordni ta' preċedenza biex insejħulha hekk, kien hemm Santu Rokku u l-Madonna u, warajh, madwar 43 qaddis ieħor. L-istess kien jiġri f'Malta bid-differenza żgħira li ma l-istess tlieta tiżdied Sant'Anna.[12] Għalhekk, kienet ħaġa normali li f'Ħal Qormi kienet teżisti d-devozzjoni lejn San Sebastjan.

Fi żmien il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann, il-pesta żaret lil Malta diversi drabi u Ħal Qormi ntlaqat sew f'aktar minn okkażjoni waħda. Fil-pesta tal-1592, ġie kkalkulat li mietu mill-anqas 73 Qormi[13] minn popolazzjoni ta' madwar 1750,[14] li jagħti perċentwal ta' madwar 4.2 fil-mija. Billi l-kappella ta' Santu Rokku li diġà semmejna nbniet bejn l-1588 u l-1601, mhix ħaġa kbira li ttellgħet b'ringrazzjament jew wegħdi riżultat tal-pesta tal-1592.

Iżda din il-kappella kienu diġà għalquha meta, fl-1676, Ħal Qormi reġa' ntlaqat mill-pesta u mietu madwar 335 ruħ minn popolazzjoni ta' 2,850 persuna,[15] jew perċentwal ta' 11.8 fil-mija. Matul din il-pesta jidher li saru ħafna wegħdi lil Santu Rokku u saret ukoll talba lill-awtoritajiet ekklesjastiċi sabiex jitwaqqgħu ħames kappelli żgħar f'Ħal Qormi – tgħid kienu f'dik li llum hi l-pjazza tal-Vitorja? – biex flokhom tinbena knisja lil dan il-qaddis fejn setgħu jiġu skontati l-wegħdi.[16] Din it-talba ma jidhirx li ntlaqgħet għalkemm sar artal lil Santu Rokku meta reġgħet inbniet il-knisja tal-Vitorja xi żmien qabel l-1686.[17] Tajjeb li wieħed jinnota wkoll li, f'din il-knisja, illum hemm ukoll kwadru żgħir ovali ta' San Sebastjan fil-ġenb tal-artal titulari.



Frendo Photographics

*L-istatwa tal-pjazza – wegħda tal-pesta.*

Dan kollu li semmejna jindika li l-kult ta' San Sebastjan, għalkemm baqa' pjuttost qawwi f'Malta b'mod ġenerali, ma reġax ħa l-importanza tiegħu f'Ħal Qormi qabel is-seklu dsatax. F'dan is-seklu, eżatt bejn it-18 ta' Mejju 1813 u t-12 ta' Marzu 1814, Ħal Qormi ntlaqat mill-agħar flaġell li qatt żaru u li qered 723 Qormi[18] minn popolazzjoni ta' madwar 4,500 ruħ.[19] Dan kien perċentwal qawwi ta' 16 fil-mija li mal-ewwel jurina kemm batew in-nies tar-raħal, l-aktar meta nqisu li b'kollox mietu madwar 4,600 ruħ fil-gżejjer Maltin.

Din il-pesta bħal reġgħet qajmet il-kult ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi għax waħda mill-wegħdi li saru f'dak iż-żmien terribbli seħħet fl-1815 meta twaqqfet f'postha l-istatwa sabiħa u espressiva ta' San Sebastjan, xogħol fil-ġebla ta' l-aħwa Ċikku u Ġlormu Fabri mill-Birgu, li turi l-qaddis marbut ma' siġra meta ngħata l-martirju tal-vleġeġ.

Minn hawn 'il quddiem il-kult ta' San Sebastjan baqa' dejjem jimxi 'l quddiem. Għandna għax naħsbu li l-Qormin kienu jitolbuh bil-ħerqa kull meta faqqgħet xi mxija u ntlaqat ir-raħal, u mhux biss kontra l-pesta. U dawn kienu jiġru ta' sikwit. Kultant ir-raħal ħelisha ħafif u kultant ġarrab telf ta' ħajjiet mhux ħażin bħalma juruna dawn il-figuri:
bil-kolera – 141 fl-1837, 4 fl-1840, 107 fl-1850, 257 fl-1865, u 7 fl-1867;
bil-ġidri – 74 fl-1830 u 40 fl-1871/3;
bid-difterite – 9 fl-1876, 25 fl-1885/6, u 5 fl-1887/8.[20]

### Żieda fil-Popolazzjoni

Iżda dan it-tnaqqir ma tellifx wisq miż-żieda fil-popolazzjoni ta' Ħal Qormi li żdiedlu ħafna bini, b'mod partikolari madwar l-imkien fejn kienet imwaqqfa l-istatwa ta' San Sebastjan. Dan il-lok kien bogħod sew mill-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ u, għalhekk, beda jinħass il-bżonn li tinbena knisja żgħira biex taħseb għall-bżonnijiet spiritwali tan-nies tal-lokal.

Fit-3 ta' Mejju 1871 sar ċensiment tal-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin li minnu rriżulta li f'Ħal Qormi kienu jgħixu 6,548 ruħ, inklużi 9 barranin. Ta' interess hu li f'dan iċ-ċensiment ġew publikati l-figuri tan-nies li kienu joqgħodu fit-toroq individwali. Fil-każ tagħna, dan jgħinna biex ikollna ideja tan-numru tan-nies li kienu joqgħodu tant il-bogħod mill-knisja parrokkjali. Diffiċli ftit li titkellem dwar toroq bħal Triq il-Vitorja jew Triq il-Kbira għax dawn jibdew minn tarf tar-raħal u jispiċċaw it-tarf l-ieħor. Iżda l-figuri ta' dawn it-toroq li ġejjin jitkellmu weħidhom: Triq San Sebastjan – 169 persuna; Triq San Rafel – 226; Triq San Bartilmew – 182; Triq il-Kunċizzjoni – 29; Triq Santa Marija – 106; Triq San Benedittu – 203; Triq Correa – 97; Triq Santu Rokku – 61; u Triq Dun Bert – 33 ruħ. Dawn iġibu total ta' 1,106 min-nies. Terġa', mill-popolazzjoni totali, wieħed irid inaqqas madwar elf ruħ li kienu joqgħodu l-Ħamrun jew il-Marsa u kienu għadhom jagħmlu parti mil-limiti tal-parroċċa ta' Ħal Qormi.[21]

Dan kollu jfisser li madwar terz mill-popolazzjoni tar-raħal kien jgħix il-bogħod sew mill-knisja parrokkjali. Bħalma għidna, inħass il-bżonn li ssir xi ħaġa u għalhekk, fl-1873, l-imgħallem bennej Michelangelo Azzopardi ppreżenta rikors lill-Arċisqof Mons. Gaetano Pace Forno sabiex tinbena knisja żgħira fl-inħawi tal-istatwa ta' San Sebastjan.[22]

### Il-Permess biex Tinbena Knisja Żgħira

Fir-rikors tiegħu, Azzopardi aċċenna għall-bogħod u d-diffikultajiet li kellhom in-nies tal-inħawi biex jaqdu d-dmirijiet reliġjużi tagħhom, speċjalment fix-Xitwa meta t-toroq kienu kollha tajn. Semma wkoll id-diffikultà li kien hemm biex il-

kleru jassisti kif jixraq mal-moribondi. Talab għalhekk għall-permess biex tinbena knisja żgħira li l-ispejjes għall-bini tagħha kien hemm diġà kontributuri fil-waqt li oħrajn kienu lesti jħallu somom ta' flus fit-testmenti tagħhom għall-istess skop.

Fl-10 ta' Ġunju 1873, l-Arċisqof irrefera din it-talba lill-kappillan għall-kummenti tiegħu. Il-kappillan Dun Alwiġ Ellul wieġeb fis-26 ta' Ġunju 1873 u kkummenta li, sabiex ma jkunx hemm ekwivoku fil-ġejjieni, ħass li għandu jesponi xi kundizzjonijiet quddiem l-Arċisqof għall-approvazzjoni tiegħu. Dawn kienu li:

i) din il-knisja tkun dedikata lil San Sebastjan Martri;
ii) din il-knisja tkun taħt il-ġurisdizzjoni tal-kappillan;
iii) li fiha la jsir dfin u l-anqas jiġu esposti katavri;
iv) li jintgħażlu żewġ rappresentanti biex magħhom il-kappillan ikun jista' jiftiehem u li jgħassu fuq ix-xogħol tal-bini.[23]

Fl-14 ta' Lulju 1873, l-Arċisqof Pace Forno aċċetta l-proposti tal-kappillan Ellul u nkariga lill-istess Michelangelo Azzopardi biex imexxi u jidderieġi x-xogħol.[24]

**Bini u Ftugħ tal-Knisja**

Michelangelo Azzopardi ma waqafx meta ottjena l-permess tal-bini. Ta' veru benefattur, fi żmien ftit xhur, irregala wkoll l-art li fuqha kellha tinbena l-knisja. Fis-7 ta' Mejju 1874, xtara d-dar numru 34, Triq San Benedittu[25] u, ġimgħatejn wara, partatha mad-dar numru 8, Triq San Sebastjan[26] biex flokha tinbena l-knisja ddedikata lil San Sebastjan. Jingħad ukoll li, f'dan il-post, kien hemm ukoll ħanut u kamra ta' Massu Farrugia li ma riedx iċedi dan il-lok għall-bini tal-knisja. Għalhekk, xi ħaddiema tal-faħam ħattewlu kollox bil-lejl u wara ħallsuh ta' kollox.[27]

Iżda għalkemm issa kien hemm il-post biex fuqu jibda l-bini, jidher li l-fondi kienu neqsin u ma kienx qabel is-sena 1880 li ngħata l-bidu għax-xogħol taħt it-tmexxija ta' Michelangelo Azzopardi u ħatnu Kola Pulis, imlaqqam "ta' Kalanġ". Inħatru xi nies, fosthom il-perit Ġużeppi Borg "tal-Lira" u Ġanni Schembri, biex jieħdu ħsieb il-ġbir tal-flus. Fost mezzi oħrajn ta' ġbir, kienu jrabbu l-bhejjem – bħal barrin, gidjien, ħrief u tiġieġ – biex il-qliegħ mill-bejgħ tagħhom imur għall-fond tal-bini. Madankollu, flus fl-idejn ma kienx hawn wisq u l-knisja ma tlestietx qabel ma għaddew għaxar snin.

Fl-1890, għalhekk, l-Arċisqof iddelega lill-Vigarju tiegħu, Mons. Ġużeppi Mercieca, biex ibierek il-knisja.[28] B'hekk infetħet għall-kult u biex jinqdew aħjar in-nies tal-inħawi. Is-servizz reliġjuż kompla jitjieb iżjed meta, fl-14 ta' Lulju 1893, l-Arċisqof attwa digriet tal-Papa Ljuni XIII tas-6 ta' Ġunju 1893, u ddikkjara l-knisja bħala Sagramentali.[29]

Il-knisja kien fiha tliet artali, jiġifieri l-maġġur u tnejn laterali. Kienu ddedikati lil San Sebastjan, lir-Redentur u lill-Madonna tar-Rużarju rispettivament. Jidher ukoll li l-knisja kellha ppjanata koppla li baqgħet ma nbnietx ħlief għat-tambur għoli xi erba' filati li mbagħad issaqqaf.[30]

**Issir il-Viċi Parroċċa**

Il-poplu ta' Ħal Qormi kompla jiżdied. Fl-1891, kien hawn 7,414-ir ruħ[31] li żdiedu għal 8,187 fl-1901[32] u 9,404 fl-1911.[33] Tnaqqsu xi partijiet ta' Ħal Qormi biex fl-1913 u fl-1918 saru l-parroċċi ġodda tal-Marsa u Santa Venera.[34] Iżda minkejja dan it-tnaqqis, iċ-ċensiment tal-1921 wera l-figura ta' 9,286 ruħ li issa tista' tgħid




*Id-digriet oriġinali tat-twaqqif tal-viċi parroċċa (bil-latin)*

kollha kienu jgħixu f'Ħal Qormi propju u li kellu fih 1,966 dar abitabbli.[35]

Kien minħabba din iż-żieda fil-popolazzjoni ta' Ħal Qormi, speċjalment fil-parti tal-inħawi ta' San Sebastjan li, fl-1917, l-awtoritajiet ekklesjastiċi kienu diġà bdew jaħsbu biex il-knisja ta' San Sebastjan tingħata l-istat ta' viċi-parroċċa. Għalhekk, fit-3 ta' Awissu 1917, għaxar ekklesjastiċi, fosthom il-Kanonku Penitenzier tal-Kolleġġjata tal-Isla li, sena wara, leħaq kappillan ta' Ħal Qormi, iffirmaw dikjarazzjoni uffiċċjali li huma kienu jaqblu mal-erezzjoni tal-viċi parroċċa ta' San Sebastjan u li l-viċi parroku jkollu dawn id-dmirijiet: li jqaddes il-quddiesa kuljum, iqarar, jassisti mal-morda u l-moribondi billi jamministra wkoll il-Vjatku u l-Aħħar Sagramenti, jgħallem il-katekiżmu lit-tfal u jippriedka f'dawk il-ġranet kollha li kappillan ta' parroċċa kellu obbligu jippriedka. Fil-knisja tiegħu, il-viċi parroku ma setgħax jgħammed, iżewweġ u l-anqas imexxi funerali. Il-viċi parroku kellu jingħata żewġ xelini u nofs kuljum (12ċ5m) mid-dħul tal-kappillan.[36]

Fid-19 ta' Ġunju 1918, l-Arċisqof Dom Mawru Caruana OSB ħareġ id-digriet li bih il-knisja ta' San Sebastjan iddikjaraha

viċi-parroċċa. Fl-istess digriet, inħatar bħala l-ewwel viċi parroku Dun Ġużepp Buhagiar li kellu jaqdi d-dmirijiet li għadna kemm elenkajna.[37]



*Dun Ġużepp Buhagiar – l-ewwel viċi parroku tal-viċi parroċċa.*

Daqsxejn diffiċli li wieħed jispjega għaliex għaddew għaxar xhur bejn id-dikjarazzjoni ta' Awissu 1917 u d-digriet ta' Ġunju 1918. Iżda x'aktarx li dan ġara għax il-kappillan ta' Ħal Qormi kien miet fis-6 ta' Mejju 1917 u dan l-uffiċċju baqa' vakanti sa April 1918 meta ħa l-pussess il-Kanonku Dr Dun Vinċenz Azzopardi.[38] Fil-fatt, malli leħaq dan il-kappillan, l-affarijiet imxew 'il quddiem, tant li fis-7 ta' Ġunju 1918 – jiġifieri 12-il jum qabel id-digriet finali – intleħaq ftehim bejn il-kappillan u Dun Ġużepp Buhagiar li l-kappellanija kellha tħallas lill-viċi parroku ta' San Sebastjan onorarju annwali ta' tletin lira.[39]

**Viċi-Parroki u Saċerdoti**

Matul is-17-il sena li damet tiffunzjona l-viċi parroċċa ta' San Sebastjan, tmexxiet minn ħames viċi-parroki u kienu jagħtu s-servizz tagħhom numru mhux ħażin ta' saċerdoti, uħud Qormin u oħrajn minn bnadi oħra.

Il-kappillan kien ingħata d-dritt li jagħżel l-ewwel viċi parroku biex jiġi kkonfermat mill-Isqof. L-għażla tiegħu, bħalma diġà għidna, waqgħet fuq Dun Ġużepp Buhagiar minn Għajnsielem, Għawdex li qabel kien il-viċi parroku ta' San Ġorġ. Iżda kellu viċi-parrokat qasir ħafna għax fit-23 ta' Jannar 1919, ir-rinunzja l-uffiċċju tiegħu minħabba, kif qal hu stess fl-ittra ta' riżenja, diffikultajiet li nqalgħulu u li ma setgħax isolvihom.[40] Ftit ġranet biss wara r-rinunzja ta' Dun Ġużepp Buhagiar, irriżenja wkoll il-prokuratur tal-knisja, Dun Ġwann Farrugia, li ta l-istess raġuni vaga tal-viċi parroku.[41]



*Dun Indri Fenech – it-tieni viċi parroku.*

Fil-25 ta' Marzu 1919 inħatar it-tieni viċi-parroku, Dr. Dun Indrì Fenech B.L.Can., D.D.,[42] mill-Mellieħa li wkoll ma tantx dam wisq għax fl-1920 leħaq kappillan tal-Mellieħa.[43] Ta min jgħid, iżda, li Dun Indrì ngħata wkoll il-kariga ta' prokuratur tal-knisja u hekk baqa' jsir għall-bqija tal-eżistenza tal-viċi parroċċa.



*Dun Saver Zahra*
*– it-tielet viċi parroku.*



*Dun Nikol Aquilina*
*– ir-raba' viċi parroku.*

Dun Frangisku Saverju Zahra, mill-Ħamrun,[44] ingħata l-kariga ta' viċi-parroku b'digriet datat 16 ta' Ottubru 1920.[45] Fl-1923, inħatar kappillan ta' Ħal Balzan u warajh leħaq Dun Nikol Aquilina, mis-Siġġiewi,[46] li beda jmexxi f'nofs Awissu tal-1923.[47] L-ewwel volum tal-kontijiet tal-viċi parroċċa li għadu jeżisti kien minn idejn dan is-saċerdot u jagħtina ħjiel tal-ħajja nisranija fl-inħawi. Fil-bidu ta' Jannar 1927, Dun Nikol laħaq kappillan tal-Gudja[48] u fit-23 ta' April 1927, l-Isqof ħatar bħala viċi-parroku u prokuratur lil Dun Ġwann Psaila,[49] minn Ħal Tarxien, li dam fil-kariga sakemm bagħat ittra ta' rinunzja fis-6 ta' Frar, 1935 u li ġiet aċċettata mill-Isqof jumejn wara.[50] Sal-5 ta' Jannar 1936, il-viċi parroċċa kienet imbagħad amministrata mill-Kappillan ta' Ħal Qormi, Dun Anton Vella.[51]

Minbarra l-viċi parroki, għadd ta' saċerdoti kienu jqaddsu regolarment fil-knisja ta' San Sebastjan, min kuljum u min nhar ta' Ħadd biss. M'għandniex f'idejna informazzjoni dwar il-perijodu ta' minn Ġunju 1918 sa Ottubru 1922 iżda, wara din l-aħħar data, insibu imniżżla l-pedaġġi tal-quddies kollu li tħallas u li minnu ngħarfu d-diversi saċerdoti li ħadmu fil-viċi parroċċa.

Iż-żewġ qassisin żebbuġin, Dun Karlu Muscat u Dun Ġorġ Ciappara, qaddsu regolarment nhar ta' Ħadd u kuljum rispettivament mill-1922 sal-1935 flimkien



*Dun Ġwann Psaila*
*– il-ħames viċi parroku.*

ma' żewġ żebbuġin oħrajn, Dun Ġużepp Bonanno (1925 – 1935) u Dun Teodosio Gatt (1926 – 1935). Il-Qormi Dun Ġużepp Cilia kien iqaddes regolarment kull nhar ta' Ħadd (1926 – 1935) fil-waqt li ħuh, Dun Salv, ta' sikwit kien jassisti fis-servizzi.[52] Fost il-ħafna saċerdoti oħrajn li taw kontribuzzjoni hemm Dun Ġorġ Brincat, il-Kanonku Dun Ġwann Porsella Flores, Dun Ġorġ Borg, Dun Beneditt Axisa, Dun Ġammarì Cassar, Dun Salv Sammut, il-Kanonku Dun Manwel Gatt Flores, Dun Alfred Mizzi, Dun Ġammarì Bonnici, Dun Vinċenz Borg, Dun Manwel Mallia, Dun Ġużepp Borg Bonavia u Dun Ġorġ Scicluna,[53] fil-waqt li ż-żewġ kappillani ta' Ħal Qormi ta' żmien il-viċi parroċċa – Dun Vinċenz Azzopardi u Dun Anton Vella – kemm-il darba taw is-servizz reliġjuż tagħhom ukoll.

**Servizzi Reliġjużi**

Mal-erezzjoni tal-viċi parroċċa, in-nies tal-inħawi beda jkollhom servizz regolari in kwantu ta' bżonnijiet reliġjużi. Hi ħaġa naturali li kienu jfittxu li jissodisfaw l-obbligu tas-smiegħ tal-quddies fil-Ħdud u l-btajjel. Għal dan il-għan, kien hawn ħames quddisiet, waħda kull siegħa, bejn l-4.00 u t-8.00 ta' fil-għodu. Nhar ta' xogħol, kien hawn tliet quddisiet, kull siegħa u nofs, bejn l-4.00 a.m. u s-7.00 a.m. Fl-1927, il-viċi parroku Dun Ġwann Psaila żied il-quddiesa tad-9.00 a.m. nhar ta' Ħadd u tat-8.00 a.m. nhar ta' xogħol.[54]

Fil-knisja kien ikun hemm qrar regolarment. Iżda meta kien ikun hemm okkażjonijiet partikolari, ngħidu aħna żmien ir-Randan, Ħadd il-palm, l-Għid il-



*Il-Knisja l-qadima armata għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù f'Ġunju 1923.*

Kbir, il-festa tal-Qalb ta' Ġesù, Kristu Re, il-Milied u l-aħħar tas-sena, kienu jinġiebu diversi konfessuri barranin. Ta' min jgħid li konfessur regolari bejn l-1927 u l-1935 kien Dun Alwiġ Psaila, ħu l-viċi parroku, li aktar 'il quddiem kellu jilħaq l-ewwel kappillan tal-parroċċa ta' San Sebastjan fl-1936.[55] Kien isir it-tagħlim tal-katekiżmu u jidher li kultant kienu jitqassmu s-santi lit-tfal li kienu jattendu.[56]

Xogħol importanti ieħor kien l-assistenza mal-morda u l-moribondi. Fil-fatt kien isir ġbir għall-ispejjes tal-Vjatku, ġbir li kienu jieħdu ħsiebu Mikiel Bonello u Ġużeppi Zammit.[57] L-ewwel Vjatku ħareġ mill-knisja ħmistax-il jum biss wara li saret viċi-parroċċa meta ġie vjatikat Pietru Farrugia ('tar-Roċċ') ta' 63 sena, li miet aktar tard fl-istess jum, jiġifieri fl-4 ta' Lulju 1918.[58]

Barra min hekk, fil-knisja kienu jsiru wkoll korsijiet ta' priedki tar-Randan, priedki fil-Ħdud tal-Avvent, il-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa u ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi ta' diversi festi, fosthom it-titular, il-Qalb ta' Ġesù, Kristu Re u l-Milied.[59]

**Parteċipazzjoni Tan-Nies**

In-nies tal-inħawi jidhru li kellhom interess kbir fil-knisja żgħira tagħhom u dan jixhduh in-numru ta' legati li saru a favur tagħha u li waħda minnhom kienet **in vigore** qabel ma l-knisja saret viċi-parroċċa. Ħafna minnhom huma legati biex isir quddies għall-erwieħ tat-testaturi iżda hemm tlieta partikolari li kellhom skopijiet altruwisti, jiġifieri biex jgħinu fit-tixrid tal-Kelma t'Alla.

Fl-20 ta' Novembru 1915, il-Kurja Veskovili aċċettat legat mgħoti minn persuna anonima bl-iskop li l-interessi tat-3% fuq somma ta' £100 ddepositati fl-istess Kurja jmorru għall-ispejjes tal-eserċizzi spiritwali tar-Randan fil-knisja ta' San Sebastjan. Dawn id-disposizzjonijiet baqgħu jitwettqu fedelment: kull sena kienu jsiru żewġ korsijiet ta' priedki u kienet issir ukoll quddiesa għal ruħ il-fundatur li llum nafu li kien Ġużeppi Grech.[60]

Fl-1923, Pawlu Micallef ħalla legat biex permess tiegħu tibda ssir il-priedka tal-Passjoni f'Ħamis ix-Xirka. Micallef ħalla piż annwali fuq id-dar numru 251, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi li 15-il xelin (75ċ) minnhom kellhom jintużaw għall-ispejjeż tal-imsemmija priedka, kif fil-fatt baqa' jsir mill-1924 'il quddiem.[61] Iżda maż-żmien, il-priedka bdiet issir ġurnata qabel, fil-jum magħruf bħala l-"Erbgħa tat-Tniebri".

Fit-12 ta' Marzu 1928, inħareġ id-digriet tal-fondazzjoni mwaqqfa minn Lorenzo Cassar biex nhar il-Ġimgħa l-Kbira ssir il-"Priedka tat-Tliet Siegħat" minn nofs-inhar sat-3.00 p.m. Ġiet depositata s-somma ta' £30 biex l-ispejjes jitħallsu mill-interessi tad-depositu. Dawn id-disposizzjonijiet twettqu mill-1929 'il hawn.[62]

Iżda dawn ma kinux l-uniċi okkażjonijiet li fihom kienu jsiru priedki. Magħhom irridu nżidu l-priedki fl-okkażjonijiet u fil-festi li ġejjin: Via Sagra, San Ġużepp, il-ftuħ tax-xahar ta' Mejju, l-aħħar ta' Mejju, Paneġirku tal-Qalb ta' Ġesù, Jum l-Erwieħ tal-Purgatorju, il-Ħdud tal-Avvent, il-Milied u l-aħħar tas-sena. Il-konkorrenza tal-publiku kienet tajba ħafna bħalma jixhed il-ġbir li kien isir f'kull okkażjoni.[63] Nagħtu eżempju: id-dħul mill-ġbir fil-Priedka tal-Passjoni nhar is-27 ta' Marzu 1929 kienet ta' 4s.3d. (21ċ3m) li minnha nikkalkulaw li kienu preżenti aktar minn 100 ruħ, fil-waqt li nhar il-Ġimgħa l-Kbira, jumejn wara, il-ġabra kienet ta' 7 xelini li jfisser li kien hemm mal-170 persuna preżenti.[64] Wieħed irid iqis li l-knisja kienet żgħira u dawn il-figuri

jfissru li kienet tkun mimlija tant li, għall-funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, is-sagristija wkoll kienet tkun imballata bin-nies.

U ladarba qegħdin nitkellmu dwar priedki, ma rridux ninsew li fil-quddiesa tal-lejl tal-Milied kienet issir il-priedka tat-tifel li, bħala rigal, jew kien jingħata xi flus – is-somma kienet tvarja minn 2s6d (12ċ5m) għal 5 xelini (25ċ) – jew xi bambin. Sfortunatament m'għandniex f'idejna l-ismijiet tat-tfal kollha li rreċitaw din il-priedka iżda nafu li fosthom kien hemm Nazzareno Micallef fl-1922, Alfredo Pulis fl-1925 u Giorgio Galdes fl-1926.[65]

Il-konkorrenza għas-smiegħ tal-quddies kienet konsiderevoli. Diffiċli li wieħed jikkalkula eżatt in-numru ta' Qormin li kienu jisimgħu l-quddies nhar ta' Ħadd



*Statwa ta' Marija Addolorata – li nsibu fil-Knisja l-qadima.*

fil-knisja viċi-parrokkjali iżda, bħalma diġà għamilna, nistgħu nieħdu indikazzjoni tal-attendenza mill-ġbir li kien isir fil-quddies. Fl-1923, bejn wieħed u ieħor, il-ġbir kien ta' madwar £1.1s. (Lm1.5ċ) sa £1.2s. (Lm1.10ċ) li żdied għal madwar £1.5s. (Lm1.25ċ) fis-snin tletin.[66] Dan ifisser attendenza ta' bejn 500 u 600 ruħ għall-quddies ta' nhar ta' Ħadd. Mhux ta' b'xejn li s-sagristija u z-zuntier kienu jkunu mimlijin bin-nies.

Indikazzjoni oħra tal-parteċipazzjoni u l-interess tal-poplu huma n-niċeċ u statwi li kien hemm fil-knisja u l-offerti li n-nies kienu jagħmlulhom.[67] Fil-knisja għad nistgħu naraw erba' niċeċ żgħar: mal-ġnub tal-bieb prinċipali hemm dawk tal-Madonna tad-Duluri u ta' l-Ecce Homo, fil-waqt li ma tarf il-presibiterju hemm tal-Madonna ta' Lourdes u San Ġużepp. Magħhom wieħed irid iżid ukoll id-devozzjoni li kien hemm għal Santa Rita, l-erwieħ tal-Purgatorju, il-Kruċifiss u l-kappella ċkejkna ta' Ġesù Nazzarenu li hemm mas-sagristija.

Bejn l-1927 u l-1931 saru erba' statwi mdaqqsa li tħallsu minn benefatturi u huma lkoll xogħol l-istatwarju Qormi Karmenu Mallia, magħruf bħala "Tal-Lhudi". Saru statwi ta' San Ġużepp u l-Madonna tar-Rużarju bil-ħsieb li dawn jitqiegħdu f'niċeċ imħaffrin fil-ħajt fil-ġnub tal-bieb prinċipali. Iżda l-viċi parroku ngħata parir professjonali biex dan ma jsirx u l-istatwi tqiegħdu fis-sagristija. Saru wkoll, għal mal-Kruċifiss, l-istatwi ta' Sidtna Marija Addolorata u San Ġwann l-Evanġelista. Dawn l-aħħar żewġ statwi llum qegħdin fil-Mużew tal-irġiel[68] fil-waqt li l-Kruċifiss, San Ġużepp u l-Madonna tar-Rużarju qegħdin fil-kripta tal-knisja l-ġdida. Din ta' l-aħħar damet żmien tintuża għall-purċissjoni tar-Rużarju wara li saret il-parroċċa. Wara



*Statwa ta' l-Eċċe Homo – li nsibu fil-Knisja l-qadima.*

sarilha xi tibdil żgħir u llum hi vverenata taħt it-titlu "tal-Karmnu". Dawn l-istatwi huma kollha xogħol fil-kartapesta.

Ta' min jgħid ukoll li sa minn meta l-knisja saret Sagramentali, kienu jsiru l-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Għal dan il-għan kien hemm Kruċifiss minn dawk li kellu dirgħajh jiċċaqalqu, jiġifieri bil-ġogi artifiċjali, għal meta simbolikalment Ġesù kien jitniżżel – skond il-liturġija passata – minn fuq is-salib. Matul is-sena, kien jitqiegħed fl-artal tar-Redentur. Illum, dan il-Kruċifiss ġie rranġat u tqiegħed temporanjament fuq il-presbiterju tal-knisja l-ġdida.

**Il-Festa ta' San Sebastjan**

Kienet ħaġa normali li kull knisja jew kappella tiċċelebra l-festa tat-titular tagħha u għandna għax naħsbu li, appena l-knisja nfetħet għall-kult fl-1890, bdiet tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Sebastjan, almenu permezz ta' funzjonijiet liturġiċi. S'issa ma ġiex f'idejna ħjiel dwar dan u għalhekk nibqgħu fl-ambitu tas-supposizzjoni.

Iżda wara li l-knisja saret sagramentali, il-festa li kienet tmiss, li ħabtet nhar il-Ħadd 20 ta' Jannar 1894, ġiet iċċelebrata bil-kbir. Sar Tridu mill-qassis Qormi Dun Ġorġ Zarb,[69] primi vespri lejlet il-festa u qaddiesa solenni mill-kappillan Dun Manwel Pace, minn Ħal Qormi wkoll.[70] Dak iż-żmien, il-paniġierku kien isir nhar il-festa fil-għaxija; sar mill-Qormi Dun Alwiġ Psaila[71] u wara ngħatat il-barka sagramentali. Għall-festi ta' barra, iżżejnu u nxtegħlu l-faċċata tal-knisja u l-pjazza ta' quddiemha u sar marċ *passadoppju* mill-banda San Ġorġ Martri minn ħdejn il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ għall-pjazza ta' San Sebastjan. Billi l-Banda San Ġorġ kienet għada kemm ġiet iffurmata fl-1893, dan kien wieħed mill-ewwel avvenimenti mużikali tagħha u, almenu għal dan il-marċ, kienet immexxija mis-surmast Giuseppe Portelli. Għall-festa tal-1895, il-Banda San Ġorġ daqqet żewġ programmi, lejlet u nhar il-festa, fil-waqt li l-Banda Pinto daqqet ukoll programm nhar il-festa.[72] Iżda jidher li wara baqgħet tieħu sehem il-Banda San Ġorġ biss għax sar it-tqassim tad-daqq fil-festi sekondarji bejn iż-żewġ baned.

Għandna għax naħsbu li l-festa baqgħet tiġi ċelebrata b'dan il-mod iżda ċertament tkabbret wara li l-knisja saret viċi-parroċċa fl-1918. Ma kenitx issir purċissjoni iżda l-festi ta' ġewwa kienu jsiru bil-pompi kollha, inkluża l-mużika, mill-granet tat-Tridu 'l quddiem. Mill-1928 'il quddiem, il-paniġierku beda jsir wara l-qari tal-Vanġelu tal-quddiesa tal-festa u mhux iżjed fil-għaxija.[73] Għall-festi ta' barra

kien isir armar f'diversi toroq u kienet tesegwixxi żewġ programmi l-Banda San Ġorġ, f'lejlet u f'nhar il-festa. Mill-1930 'il quddiem, ftit wara li l-każin tal-Banda Pinto ġie trasferit għal dar ħdejn il-knisja ta' San Sebastjan, din il-banda bdiet tagħti s-sehem tagħha wkoll, bi programm nhar il-festa. Fi żmien il-viċi parroċċa wkoll, beda jkun hemm il-logħob tan-nar.

Fl-arkivju tal-parroċċa San Sebastjan, insibu l-listi tad-diversi spejjes li kienu jsiru in konnessjoni mal-festa titulari. Dawn kienu jinkludu l-ispejjes tal-festi liturġiċi nklużi t-Tridijiet, il-paniġierku u l-mużika, u l-infieq għall-ispejjes ta' barra li kienu jkopru magħhom il-ħlasijiet għad-dawl, l-armar tat-toroq, il-banda jew baned, trattamenti, nar ta' l-art u n-nar ta' l-ajru. Mill-kontijiet wieħed jista' jislet ċertu tagħrif bħal, ngħidu aħna, li n-nar kien xogħol ta' Pawlu u Ġorġ Tonna u Carmelo Abela, li d-dawl kien isir minn Salvu Mamo, Spiru Mallia u, fl-aħħar sena, minn Antonio Zammit (li għadu ħaj), u li kienu jinkrew xi antarjoli mill-Marsa.[74]

L-ispejjes kienu kbar mhux ħażin ukoll. Hekk kif bdiet tikber il-festa, hekk żdiedu l-ħlasijiet. Fl-1927, l-ispejjes laħqu £32.3s.6d. (Lm32.17ċ5m) li komplew jiżdiedu sa kważi Lm80 fl-1934. Fl-1933, għal xi raġuni jew oħra, jidher li ma saru ebda festi ta' barra[75] fil-waqt li l-aħħar festa fil-viċi parroċċa saret bi spejjes ta' anqas minn Lm37.[76]

Id-dħul prinċipali kien jiġi mill-ġbir li kien isir apposta għal dan il-għan. Dħul ieħor kien mill-bejgħ ta' tjur li kien isir hekk: diversi nies kienu jrabbu tjur minn flieles li tipprovdi l-viċi parroċċa u d-dħul kien imur għall-festa.[77] Dan it-tip ta' ġbir kien iħalli qliegħ mhux ħażin tant li fl-1925 id-dħul kien aktar minn Lm17[78] u fl-1928 kien hemm introjtu ta' 'l fuq minn Lm18. Iżda mill-1929 'il quddiem, din id-drawwa nqatgħet u flokha saru attivitajiet oħrajn bħal ġbir partikolari, viżti lis-Seba' Santa Marijiet u ġita għal Għawdex. Biss dawn l-attivitajiet ma jidhrux li ħallew id-dħul mixtieq li tela' biss għal £13.7s.10d (Lm13.39ċ).[79]

L-aħħar darba li l-viċi parroċċa ċċelebrat il-festa ta' San Sebastjan kien fl-1935, eżattament fl-20 ta' Jannar. It-Tridu sar mill-Kanonku E. Grech u l-paniġierku minn Monsinjur F. Grech. Daqqew iż-żewġ baned tar-raħal u sar l-armar tat-toroq kif ukoll id-dawl minn Spiru Mallia u Antonio Zammit rispettivament, fil-waqt li n-nar ħa ħsiebu l-Kumitat Festi Esterni ta' San Ġorġ. Ta' min jgħid li din hi l-unika festa ta' żmien il-viċi parroċċa li tagħha għadhom jeżistu l-irċevuti. Minnhom jidher ċar li din is-sena ma kenitx saret ġabra għall-festa, tant li l-kuntrattur tad-dawl, il-Qormi Antonio Zammit, kiteb fl-irċevuta tiegħu li kien qiegħed jitħallas £8 biss għall-armar ta' 680 bozza tal-elettriku bħala għajnuna.[80] Meta wieħed iqis li mill-1930 sal-1934, b'eċċezzjoni tal-1933, il-kont tal-armar tad-dawl kien ikun bejn £22 u 'l fuq minn £26,[81] din kienet għajnuna tassew.

U la qegħdin insemmu l-festa ta' San Sebastjan, wieħed m'għandux jonqos li jaċċenna għall-festa liturġika tat-transulazzjoni ta' dan il-qaddis li kienet tiġi ċelebrata nhar il-25 ta' Ottubru. Din il-festa kienet kommemorazzjoni ta' meta, fis-seklu tmintax, l-għadam ta' San Sebastjan ġie ttrasportat mill-katakombi tal-qaddis f'Ruma għal Franza.

**Purċissjonijiet**[82]

Ma kienx permess li jsiru purċissjonijiet mill-knisja viċi-parrokkjali. Iżda wara l-wasla ta' l-aħħar viċi-parroku, Dun Ġwann Psaila, fl-1927 bdiet issir bħal

purċissjoni żgħira fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Din il-purċissjoni kienet iddur biss mal-blokk tal-bini tal-knisja u kienu jieħdu sehem fratelli mill-ħames fratellanzi li kien hawn fil-knisja parrokkjali, iżda mingħajr stendardi u bla ma jintlibsu mużżetti. Fl-1934, din il-purċissjoni niżlet għal Triq Spiteri Fremond, daret lejn Triq Santu Rokku u mbagħad minn Triq San Sebastjan lura lejn il-knisja.

Iżda, mill-banda l-oħra, mit-toroq tal-viċi parroċċa kienu jgħaddu diversi purċissjonijiet oħrajn li kienu joħorġu mill-knisja parrokkjali.

Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet tinżel minn Triq il-Vitorja, tikser lejn l-istatwa ta' San Ġorġ u tinżel Triq San Sebastjan, iddur ma' l-istatwa ta' San Sebastjan u tipproċedi minn Triq San Bartilmew għal Triq il-Kbira fi triqtha lura lejn il-knisja parrokkjali. L-istess rotta kienet tintuża wkoll għall-purċissjonijiet tal-Qalb ta' Ġesù u tal-Madonna tar-Rużarju ta' l-aħħar Ħadd ta' Ottubru.[83] Fl-aħħar snin tal-viċi parroċċa bdiet tgħaddi wkoll il-purċissjoni ta' **Corpus Domini** u, f'okkażjoni waħda biss, għaddiet ukoll il-purċissjoni tal-Madonna taċ-Ċintura; iżda din kienet biss okkażjoni unika konnessa maċ-ċentinarju tal-mewt ta' Santu Wistin.[84]

Il-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt kella rotta kważi għal kollox differenti. Minn Triq il-Vitorja kienet iddur għal Triq San Rafel, tinżel għal Triq San Sebastjan, tgħaddi minn ħdejn l-istatwa ta' San Sebastjan u l-knisja u ddur lejn Triq San Ġużepp għal ħdejn l-istatwa ta' San Pawl. Minn hemm, il-purċissjoni kienet iddur 'il fuq, fi Triq il-Kbira, fid-direzzjoni tal-knisja parrokkjali.

Sa l-ewwel sena tal-viċi parroċċa, il-purċissjoni tat-titular tal-parroċċa ma kenitx tgħaddi mil-limiti ta' San Sebastjan iżda kienet pjuttost qasira. Fl-1918 leħaq il-kappillan Dun Vinċenż Azzopardi li ħass li l-purċissjoni ta' San Ġorġ għandha tkun aktar mifruxa mar-raħal. Għalhekk mis-sena 1919 bdiet tgħaddi wkoll mit-toroq tal-viċi parroċċa. Kienet tinżel minn Triq il-Vitorja għal Triq San Sebastjan bħal tal-Ġimgħa l-Kbira u mbagħad tkompli bl-istess rotta tal-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt.

Dak iż-żmien din il-festa kienet issir fit-23 ta' April, jew l-eqreb Ħadd skond kif kienu jippermettu l-festi ta' l-Għid il-Kbir. Il-knisja ta' San Sebastjan kienet tinxtegħel għall-okkażjoni,[85] kienu jattendu ħafna nies għall-quddies[86] fil-waqt li t-toroq kienu jiżżejnu għall-okkażjoni bl-armar ta' pilandri, trofej u statwi tal-kartapesta.[87]

Forsi mhux ta' min iħalli barra l-purċissjoni, jew aħjar id-dimostrazzjoni, li ssir bil-Bambin Ġesù mit-tfal u l-membri tas-Soċjetà tal-MUSEUM lejlet il-Milied fil-għaxija. L-ewwel darba li qatt saret f'Malta kienet fl-1921 fil-Ħamrun; f'Ħal Qormi bdiet issir immedjatament wara. Sal-1932, din id-dimostrazzjoni kienet tidħol fil-knisja ta' San Sebastjan fejn tifel kien jagħmel il-priedka tal-Bambin. Bejn l-1933 u l-1935, id-dimostrazzjoni daħlet ukoll fil-knisja parrokkjali u minn hemm kienet tkompli għall-knisja tal-viċi parroċċa.

Jidher ċar, għalhekk, li n-nies tal-viċi parroċċa kellhom sehem u parteċipazzjoni mhux ħażin fiċ-ċelebrazzjonijiet esterni tal-festi parrokkjali.

### Manutenzjoni, Tiġdid u Tibdil

Kwalunkwe bini jrid il-manutenzjoni tiegħu u forsi knisja tirrikjedi wisq aktar

speċjalment meta nqisu li b'manutenzjoni nfissru mhux biss ix-xogħol neċessarju fil-ġebla iżda wkoll fl-armar tagħha fis-sensi kollha tal-kelma. Barra minn hekk, kultant fi knisja jinħass il-bżonn li jinbidel xi armar jew li jissebbaħ biex ikun aktar dinjituż kemm għal-lokal kif ukoll għall-użu liturġiku.

Il-knisja ta' San Sebastjan ma kenitx eċċezzjoni u naraw li, matul il-perijodu li eżistiet il-viċi parroċċa, kien hemm proċess kontinwu ta' manutenzjoni, irranġar, bdil u abbelliment. Hawn wieħed jieħu gost jinnota li benefatturi kien hemm mhux ħażin ukoll.

Jista' wieħed isemmi diversi xogħlijiet bħal, ngħidu aħna, it-twieqi ġodda li saru fl-1923, xogħol u disinn tal-mastrudaxxa Ġużeppi Grech fil-waqt li x-xogħol tal-ħadid sar minn Karmnu Mifsud. Regolarment insibu mniżżel ħlasijiet għal xi tibjid, invjar, tiswijiet tas-siġġijiet, ħlas ta' siġġijiet ġodda, tiswija tal-arloġġ, tiswijiet u legatura ta' Missalli, dvalji ġodda u tindif ta' oħrajn għall-artal maġġur u, kultant, xi spiża akbar bħal, ngħidu aħna, l-induratura tas-sopraporta fl-1924, xogħol tal-induratur Lorenzo Gatt.[88] L-anqas dan ma kien kollox għax, diversi drabi, kellhom jinxtraw pjaneti ġodda, jissewwa l-orgni, jinżebgħu l-bibien, jinkera armonju meta l-orgni kien bil-ħsara u ssir l-arġentar ta' oġġetti bħall-inċensier u n-navetta.[89]

Semmejna li kien hawn diversi benefatturi. Fil-verità, wieħed irid jgħid li kull 'parruċċan' kien benefattur għax il-maġġor parti tax-xogħlijiet kienu jistgħu jsiru riżultat tal-ġbir minn fost il-fidili ġenerużi. Iżda kien ikun hemm nies oħrajn li kienu jikkontribwixxu somom ta' flus, uħud żgħar u oħrajn pjuttost akbar, għal xi opra speċifika.



Frendo Photographics

*Il-gallarija tal-Kor fil-Knisja l-qadima.*

Tidher il-qalb ġeneruża meta tara offerta ta' nofs lira minn Roża Maria Zammit biex isir simbolu ta' San Sebastjan fuq id-dvalja tal-artal maġġur u meta Filomena u Marija Schembri taw lira u nofs għall-akkwist ta' tapit għall-knisja. L-induratura tas-sopraporta, li diġà semmejniha, kienet qamet tnax-il lira iżda nofs din is-somma nġabret minn diversi benefatturi, fosthom Pawlu Fenech li ta tliet liri. Lorenzo Cassar, il-benefattur tal-Priedki tat-Tliet Siegħat, jidher li kien devot ħafna tas-Santissimu Sagrament tant li fl-1924 offra żewġ kontribuzzjonijiet ta' £4 u £3 biex issir ġilandra żgħira u jiġi ndurat tronett rispettivament. Fl-1924, ġiet indurata l-gallarija u hawn ukoll inqala' benefattur, jiġifieri Giovanni Schembri li ħareġ is-somma ta' £20 mit-£43 li tħallas l-induratur Lorenzo Gatt.[90]

Mhux l-għan tagħna li nsemmu l-opri kollha li saru fil-knisja viċi-parrokkjali iżda dawn li ġejjin żgur li wieħed ma jistax iħallihom barra.

Fl-1924 sar restawr tal-knisja. Mill-kontijiet jidher li sar xogħol estensiv ta' invjar għax il-kont qabeż is-somma totali ta' £50 għax-xogħol li għamlu Ġorġ Spiteri u Ġużeppi Galea. Ma' din is-somma nżidu £7.11s.5d (Lm7.57ċ) li ntefqu għaż-żejt u kulur mixtri mingħand Piju Chircop.[91]

Fl-imgħoddi, id-dawl kien b'lampi tal-gass iżda fl-1926 saret l-istallazzjoni tad-dawl elettriku għax, ngħiduha kif inhi, wieħed irid jimxi maż-żmenijiet. Ix-xogħol sar minn Salvatore Mamo u, fis-6 ta' April 1926, tħallas is-somma ta' £19. Hawn ta' min jgħid ukoll li għaxar liri u nofs minn din is-somma nġabret minn fost diversi benefatturi li kkontribwew bejniethom biex itaffu l-piż ta' l-ispiża. L-ewwel kont tal-konsum tad-dawl jidher li tħallas fit-22 ta' Mejju ta' l-istess sena.[92]



*It-tronett użat għall-espożizzjoni tas-Sagrament.*

Fl-1932, l-artal maġġur ġie rħamat. Ix-xogħol sar mill-marmista Ġużeppi Buhagiar li naqqax ismu flimkien mas-sena 1932 fuq waħda mit-turġien. Ix-xogħol sewa £140 li tħallsu f'żewġ pagamenti ta' £50 u £90 fis-27 ta' Frar u fl-1 ta' Ġunju rispettivament.[93]

Is-sena 1932 kienet sena ta' xogħol maġġuri u mportanti u, għalhekk, mhux ta' b'xejn li mal-qiegħ tat-tambur ta' dik li kellha tkun koppla, hemm imnaqqxin is-snin 1890 u 1932. F'din l-aħħar sena, inħass il-bżonn li jinbidel is-saqaf tal-koppla, presumibilment għax kien hemm xi ħsara fih. L-awtorizzazzjoni ekklesjastika nkisbet fit-30 ta' Lulju u x-xogħol kien lest sas-27 ta' Ottubru. Jidher li l-ħsara kienet fit-travi għax inxtraw sitta ġodda għall-prezz ta' £13.6s. (Lm13.30ċ) mid-ditta Anastasi & Co. fil-waqt li l-imgħallem Ġużeppi Scerri xtara t-travi l-qodma b'erbgħa liri. Ix-xogħol sar mill-istess Scerri, li rebaħ il-kuntratt tax-xogħol b'offerta ta' £46.10s. (Lm46.50ċ), taħt id-direzzjoni tal-Perit Carmelo Chetcuti li tħallas £4 bħala drittijiet professjonali tiegħu. L-ispejjes tħallsu prinċipalment minn flus li kien hemm depositati fil-Kurja Veskovili, somma ta' £150 li kienet riżultat tal-ġbir mit-toroq u mill-knisja. Din is-somma ntużat biex tħallsu £90 għall-ispejjes tal-artal u £60 għall-ħlas tax-xogħol fuq il-koppla.[94]

**Uħud li Ħadmu fil-Knisja**

Fi knisja, l-aktar servizz importanti jagħtuh is-saċerdoti iżda dawn ukoll jeħtieġu l-għajnuna ta' oħrajn lajċi bħal, ngħidu aħna, tas-sagristan għall-armar tal-knisja, u l-organista għall-mużika fis-servizzi liturġiċi. Dan biex ma nsemmux numru x'aktarx kbir ta' lajċi li jmiddu jdejhom biex jgħinu f'dak li jkun hemm bżonn.

Matul iż-żmien tal-viċi parroċċa, kien hemm sagristan wieħed biss, Franġisku Scerri, li kellu paga ta' skud (8ċ3m) kuljum. Verament dan kien ħlas żgħir iżda, skond ma qalli min kien jafu pjuttost tajjeb, Scerri kien għażeb li ma kienx ifittex il-wisq u kien kuntent b'daqsxejn ta' ħlas li bih seta' jaqla l-għixien ta' kuljum ħażin ħażin.[95] Kultant kien jingħata xi **bonus** żgħir għal xi servizzi żejda f'xi ċelebrazzjoni jew festa.[96]

Flimkien mal-viċi parroku, is-sagristan kien l-uniku persuna taħdem **full-time** fil-viċi parroċċa. Iżda kien hemm diversi nies oħrajn li kienu jaqilgħu dik ix-xi ħaġa żejda biex tgħinhom jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum, minn b'servizz u min b'ieħor, min b'mod dirett u min le.

Bejn l-1918 u l-1936, kien hemm żewġ organisti. Sa l-aħħar ta' Frar 1926, l-organista kien Dun Ġorġ Ciantar, iben Salvu, li kien joqgħod fi Triq Pinto. Kien irtira minħabba saħħtu marret lura u, fil-fatt, miet fis-7 ta' Marzu 1927 fl-għomor pjuttost żgħir ta' 54 sena.[97] Warajh, l-organista baqa' dejjem is-sur Antonio Psaila.[98] Ta' min jgħid li, għall-funzjonijiet ta' l-aħħar ta' Ottubru u tal-Milied tal-1925, l-orgni ndaqq minn Carmelo Sant,[99] presumibbilment għax Dun Ġorġ Ciantar kien marid. Dak iż-żmien, l-arja għall-orgni kienet tinfetaħ bl-idejn u, fost dawk li għamlu dan ix-xogħol, jissemmew Ġużeppi Camilleri, Pawlu Mamo u Ġorġ Scerri li kienu wkoll idoqqu l-qniepen.[100]

Forsi tidher ħaġa stramba li ħafna xogħol ta' armar bħal, ngħidu aħna, is-sepulkru u d-damask, kien isir bil-ħlas. Diversi nies kienu jgħinu lis-sagristan u kienu jitħallsu ta' xogħlhom, l-istess bħalma kienu jitħallsu biex jarmaw it-toroq għall-festa tat-titular. Naħseb li dan x'aktarx kien isir aktar bħala forma ta' għajnuna materjali lill-individwu

konċernat u dawn it-talin kienu għaldaqstant iħarsu lejn il-knisja bħala mezz imnejn setgħu jaqilgħu dik ix-xi ħaġa żejda għall-familja. L-istess kien jiġri f'ċertu ġbir meta parti minima tal-flus miġbura kienet tingħata lil min kellu l-inkarigu. Fost dawn is-servizzi, flimkien ma' dawk diġà msemmijin, insibu l-ġbir tal-Vjatku, xogħol ta' fattiga fil-festi, it-tqassim tat-tjur tal-festa, daqq tal-qniepen u ħlasijiet lill-abbatini.[101]

Kien hemm nies oħrajn li kienu jipprovdu servizzi li kien parti mix-xogħol jew negozju tagħhom, mill-qliegħ ta' ħobżhom ta' kuljum. Dawn is-servizzi kienu jinkludu: l-provediment ta' ostji u partikoli minn Franġisku u Karmnu Bonnici; imbid għall-quddies minn Ġorġ Frendo; żejt minn Marija Bugeja u Konċetta Camilleri; xemgħa minn Ġużeppi Sillato; ħasil u stirar ta' bjankerija minn Gina Cassar u Marianna Xerri; kafè u bibiti fil-festi minn Spiridione u Salvu Saliba.[102]

Wieħed ma jistax iħalli barra drawwa li llum spiċċat. Qiegħed nirreferi għal dak li wieħed jista' jsejjaħlu l-'kiri' tas-siġġijiet. Is-siġġijiet tal-knisja kienu jinżammu fejn illum hemm in-niċċa ta' Kristu Rxoxt u tlieta min-nies kienu jikru siġġu lil kull persuna li tidħol għall-quddies. Dawn id-distributuri kien ikollhom ikunu preżenti għall-quddies kollu ta' nhar ta' Ħadd, u wieħed minnhom kien iqassam is-siġġijiet nhar ta' xogħol. Il-flus li jidħlu kienu jmorru għall-ispejjes tas-siġġijiet – tiswijiet u siġġijiet ġodda – u l-bqija għall-fondi tal-knisja.

Iżda dan ix-xogħol kien bil-ħlas u, ngħiduha kif inhi, bir-raġun kollu għax kien xogħol ta' tul ta' ħin mhux ħażin. Nhar ta' ħadd kien ikun hemm żewġ distributuri li jingħataw xelin (5ċ) kull wieħed u ġuvnott jgħinhom li kienu jagħtuh 6d. (2ċ5m). Nhar ta' xogħol kien ikun hemm distributur wieħed li kien jitħallas minn 5d. sa 6d. (2ċ sa 2ċ5m) kuljum. L-aktar li ħadmu f'dan il-qasam kienu Mikiel Bonello u Ġużeppi Zammit mgħejjunin minn Nazzareno Zammit. Iżda kien hemm oħrajn ukoll, fosthom Manwel Farrugia, Ġużeppi Scicluna, Ġorġ Fenech u Karmnu Gulia.[103]

**Egħluq**

B'dan kollu li ktibna tajna ħarsa ħafifa lejn il-viċi parroċċa ta' San Sebastjan li, bil-ħidma tagħha tul aktar minn 17-il sena, wittiet it-triq sabiex serviet ta' pedament għat-twaqqif tal-parroċċa ta' l-istess qaddis. Nhar il-25 ta' Ottubru kienet il-festa tat-Transulazzjoni tal-għadam ta' San Sebastjan u kien f'dan il-jum li Monsinjur Arċisqof Dom Mawru Caruana OSB għoġbu jxandar id-digriet tat-twaqqif tal-parroċċa l-ġdida. Tgħid l-Isqof Caruana, ta' patri Benedittin li kien, apposta għażel dan il-jum? Naħseb li iva: għax hu ried jgħaqqad il-jum tat-twaqqif tal-parroċċa ma' festa konnessa mal-qaddis patrun tagħha.

Bejn l-1921 u l-1931, Ħal Qormi kien kompla jikber u issa kien ilaħħaq 2,097 dar abitabbli b'popolazzjoni ta' 10,767 ruħ.[104] Kien jinħass il-bżonn tat-tieni parroċċa fir-raħal. Fil-fatt, il-ħsieb li titwaqqaf din il-parroċċa ġdida kien ilu hemm xi żmien tant li fid-digriet stess, l-Isqof qal li fl-1934, il-kappillan il-ġdid tal-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, Dun Anton Vella, seta' "jieħu l-pussess ta' din il-parroċċa bil-kundizzjoni li huwa jaċċetta d-disposizzjonijiet kollha li aħna nkunu għamilna dwar il-qsim territorjali tal-parroċċa msemmija". Fl-istess digriet, l-Arċisqof ħatar "lill-Wisq Reverendu Saċerdot Luigi Psaila bħala l-ewwel Kappillan ta' din il-Parroċċa ġdida" u kompla jgħid li "dawn id-disposizzjonijiet

**D. MAURUS CARUANA**
ORDINIS S. BENEDICTI
**Dei et Apostolicæ Sedis gratia**
Archiepiscopus Episcopus Melitensis
EIDEM SANCTÆ SEDI IMMEDIATE SUBJECTUS

Jesus

Bono spirituali ac commoditati fidelium in finibus Casali Curmi, ubi extat Ecclesia divo Sebastiano dicata et a Nobis per Decretum diei 17 Junii 1918 in Vice-Parochialem erecta, inhabitantium, consulere cupientes, cum praedicta Ecclesia valde distet a Matrice Ecclesia Parochiali S. Georgii Martyris, atque illam regionem incolentes, difficultatem habere debeant ad sua religiosa munera obeunda Ecclesiam Parochialem adire cumque tanta sit parochianorum multitudo ut eorum bono spirituali non amplius per Vicariam paroecialem subveniri possit, praefatam Ecclesiam Sancti Sebastiani Martyris in novam Paroeciam, cum potestatibus, iuribus et facultatibus animarum curae exercendae, praesertim poenitentialis fori, nec non Sacramentorum administrationis, quae a Parochis administrari solent, omnibus officiis, oneribus, muneribus, honoribus et insigniis, iuribus et pertinentiis parochialibus praesenti decreto erigimus et erectam Nostra Auctoritate Ordinaria volumus et declaramus, suppleto etiam quatenus opus sit, quorum interest, vel sua interesse praesumant, assensu, et attenta pari ceteris conditione in concursu et ultima provisione Paroeciae S. Georgii M. praedictae apposita.

Et autem circa limites quaestiones oriantur, hanc novam Parochiam ab antiqua Paroecia S. Georgii Martyris, praesenti hoc Nostro Decreto separamus et separatam haberi volumus, dicimus et declaramus, iuxta plantam in Actis Nostrae Curiae conservatam una cum praedicto Nostro Decreto diei 17 Junii 1918, nisi quoad fines aliter Nobis in posterum videbitur.

Pro dote vero et substentatione Parochi pro tempore existentis praeter primitias aliaque iura et emolumenta iam a fidelibus parochianis Parocho S. Georgii Martyris tribui solita, adsignamus summam libellarum anglicarum triginta annuam iuxta Can. 1427 p. 3; desumendam declaramus ex redditibus ad ecclesiam tum praedictam pertinentibus a Parocho quotannis solvendam.

Pro curae tandem exercitio populum dictae novae Paroeciae dilectum Nobis in Christo filium R. Dnum Aloisium Psaila, uti Parochum praeficimus et deputamus illique omnium Ecclesiae Sacramentorum administrationem committimus, volentes et mandantes ut omnes et singuli debitam ipsi obedientiam praestent ac reddant.

Has omnes Nostras dispositiones valere volumus a die qua novus Parochus in corporalem realem suae paroeciae possessionem immittitur.

Datum ex Nostro Palatio Archiepiscopali Civitatis Vallettae die 25 Octobris 1935

+ Maurus Archiepiscopus Episcopus Melitensis

Can. S. Buttigieg
Cancellarius

*Id-digriet oriġinali tat-twaqqif tal-parroċċa (bil-latin)*

jibdew iseħħu mill-jum illi fih il-Kappillan il-ġdid jieħu pussess sħiħ u veru tal-Parroċċa."[105]

Lil Dun Alwiġ nistgħu nqisuh bħala ħolqa li għaqqad il-viċi parroċċa mal-parroċċa l-ġdida għax min jaf kemm-il darba kien ġie Ħal Qormi biex iqarar, jippriedka u jassisti fil-funzjonijiet liturġiċi. Ħa l-pussess fil-5 ta' Jannar, 1936, data li fiha spiċċat il-viċi parroċċa u twieldet il-parroċċa ta' San Sebastjan. Illum, taħt it-tmexxija għaqlija tal-ħabrieki tielet kappillan, Dun Vinċenz Deguara, qiegħed jiġi ċelebrat il-ġublew tad-deheb tal-parroċċa. Għaddew ħamsin sena li fihom il-parroċċa kibret u stagħniet. Jalla l-ħamsin sena li jmiss ikunu snin ta' risq, hena u barka mimlijin ġid spiritwali għall-parroċċa u l-parruċċani kollha tagħha.

---


* ***Joseph F. Grima B.A.(Hons.), M.A.:*** Twieled Ħal Qormi u studja fl-Università ta' Malta fejn iggradwa fl-Istorja u għamel korsijiet f'Napli u f'Londra dwar l-arkejoloġija u t-tagħlim ta' l-Istorja. Għal xi żmien kien ***occasional lecturer*** u eżaminatur ta' l-Istorja fl-Università ta' Malta. Kittieb ta' ħafna artikoli dwar l-Istorja ta' Malta b'mod speċjali l-istorja marittima ta' Malta fis-seklu 17, l-istampar f'Malta u l-folklor konness mal-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta, uħud minnhom f'rivisti xjentifiċi. Editja l-ktieb ***Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi – Erba' Sekli ta' Storja*** fl-1984 u hu Segretarju Onorarju kemm tas-Soċjetà Storika (ta' Malta) u tal-Kumitat Ġimgħa l-Kbira ta' Ħal Qormi. Jgħallem l-Istorja fl-iskejjel sekondarji u Junior Lyceum governattiv.


1. AAM, Kanċellerija, ***Konferiment Qormi – Parroċċi S. Ġorġ u S. Sebastjan***, digriet tal-25.x.1935.
2. Ara G. Wettinger, "Ħal Qormi Qabel il-Miġja tal-Kavallieri", ***Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi – Erba' Sekli ta' Storja***, ed. J. F. Grima, Malta 1984, ***passim***.
3. AAM, VP Dusina C 1575, Vol. V, f. $71^{v}$.
4. ***Ibid.***, ff. $79^{rv}$.
5. AAM, VP Libertano 1585, Vol. VI, ff. $35^{r} - 37^{r}$.
6. AAM, VP Gargallo 1588 – 1602, Vol. VII, f.$43^{v}$.
7. ***Ibid..***, f. $193^{r}$.
8. AAM: VP Gargallo 1604, Vol. VI, f. $342^{r}$; VP Cagliares 1615, Vol. VIII, f. $153^{r}$; VP Cagliares 1618, Vol. IX, f. $148^{v}$; VP Cagliares 1621, Vol. XI, f. $115^{r}$; VP Pontremoli 1634, Vol. XII, f. $46^{r}$; VP Balaguer 1635 – 7 (A), Vol. XIII, f.$56^{v}$; VP Balaguer 1644 – 6, Vol. XV, f. $86^{v}$; VP Balaguer 1653 – 4, Vol. XVI, f. $189^{r}$.
9. Ara AAM, VP Balaguer 1635 – 7, Vol. XIII, f. $56^{v}$.
10. Ara AAM, VP Cannaves 1714 – 7, Vol. XXIX, ff. $764^{r}$ u $201^{r}$ rispettivament.
11. AAM, VP Balaguer 1656 – 9, Vol. XVII, f. $50^{v}$.
12. J. Micallef, ***The Plague of 1676***, Malta 1985, p. 55.
13. Ġ. Schembri, "Mill-Ħajja Reliġjuża u Soċjali tal-Parroċċa San Ġorġ", ***Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi – Erba' Sekli ta' Storja***, ed. J. F. Grima, Malta 1984, p. 118.
14. S. Fiorini, "Status Animarum I: A Unique Source for 17th and 18th Century Maltese Demography", ***Melita Historica***, Vol. VIII No. 4 (1983), Table II wara p. 344, jagħti l-figura ta' 1,757 persuna għas-sena 1590.
15. J. Micallef, ***op. cit.***, p. 118.
16. ***Ibid.***, pp. 52 – 3.
17. AAM, VP Cocco Palmieri 1685 – 7 (A), Vol. XXIII, f. $258^{v}$. Dan l-artal għadu hemm. Ta' min jgħid li, fit-toroq ta' Ħal Qormi, hemm ukoll sitt niċeċ ta' Santu Rokku. Hemm triq ukoll li ġġib ismu.
18. Ġ. Schembri, ***op. cit.***, p. 119.
19. S. Fiorini, ***op. cit.***, jagħti l-figura ta' 3,186 persuna għas-sena 1807. Iżda l-i***Status Animarum*** ta' Ħal Qormi jagħti l-figuri ta' 4,030 fl-1809 u 4,644 fl-1811. Ara AAM, VP Mattei 1809 u 1811, ff. $255^{r}$ u $94^{v}$ rispettivament. Ta' min isemmi li dan kien żmien ta' prosperità għal Malta u, għalhekk, żieda qawwija fil-popolazzjoni mhix ħaġa ta' l-iskantament.
20. Ġ. Schembri, ***op. cit.***, p. 118.
21. Għall-figuri ara ***Census of the Civil Population of the Islands of Malta, Gozo and Comino 1871***, Malta Govt. Printing Office 1872, pp. 2 u 32.
22. AAM, ***Suppliche*** 1873, Vol. II, n.ru 339.
23. ***Ibid.***, n.ru 340.
24. ***Ibid.***, n.ru 339.
25. NAV, Atti Nutar Giuseppe Raymondo Psaila, 7.v.1874.
26. NAV, Atti Nutar Gioacchino Frendo, 21.v.1874.
27. C. Psaila, ***Il-Knisja Arċimatriċi ta' Ħal Qormi bil-Ġrajja Tagħha***, Malta 1937, pp. 177 – 8.
28. ***Ibid.***, p. 178.
29. AAM, ***Atti Civili*** 1893, ff. $139^{r} - 140^{r}$.
30. Għall-apprezzament arkitettoniku tal-knisja u tagħrif dwar il-kwadri titulari ara l-artikoli ta' M. Ellul u M. Buhagiar rispettivament, ***infra***.
31. ***Census of the Maltese Islands 1891***, Malta Govt. Press 1892, p. 2, Table III.
32. ***Census of the Maltese Islands 1901***, Malta Govt. Press 1903, p. 2, Table III.
33. ***Census of the Maltese Islands 1921***, Malta Govt. Press 1922, p. 46, Table IV.
34. ***Direttorju Ekklesjastiku 1984***, Malta 1984, pp. 35 u 51 rispettivament.
35. ***Census of the Maltese Islands 1921***, Malta Govt. Press 1922, pp. 46 – Table III u pp. 72 – 3 – Table XII.
36. AAM, Kanċellerija, ***Konferiment Qormi – Parroċċi S. Ġorġ u S. Sebastjan***, dikjarazzjoni tat-3.viii.1917. Il-firmatarji kienu: il-kappillan Dun F. S. Bonanno, Dun Gio. Battista Ghigo, Dun Pacifico Mifsud, Kan. Penit. V. Azzopardi, Kan. Koad. Teol. Emmanuele Galea, il-kappillan Dun Carmelo Bonanno, Dun Girgor Borg, il-kappillan Dun Ġużepp Magri, il-kappillan Dun P.P. Zammit u Kan. Tesorier Galea Naudi.
37. ***Ibid.***, digriet tad-19.vi.1918.
38. C. Psaila, ***op. cit.***, p. 221.
39. AAM, Kanċellerija, ***Konferiment Qormi – Parroċċi S. Ġorġ u S. Sebastjan***, skrittura privata tas-7.vi.1918.
40. AAM, ***Atti Civili*** 1919, item 5. Ta' min jgħid li Dun Ġużepp kien joqgħod f'numru 7, Triq San Sebastjan. Wara r-riżenja tiegħu mar Franza jagħmel xogħol pastorali. Meta rritorna reġa' ġie jgħix Ħal Qormi. Ħajr lis-sur Ġużeppi Cini għal din l-informazzjoni.
41. ***Ibid.***, item 9. Dan il-prokuratur kien inħatar fit-3.vii.1918. Ara ***ibid.*** 1918, f. $121^{r}$.
42. ***Ibid.*** 1919, item 31.
43. C. Psaila, ***op. cit.***, p. 180 u komunikazzjoni personali mis-sur Ġużeppi Cini.
44. ***Idem.***
45. AAM, ***Atti Civili*** 1920, item 65.
46. C. Psaila, ***op. cit.***, p. 180 u komunikazzjoni personali mis-sur Ġużeppi Cini.
47. APSQ, RV I, p. 21.
48. Komunikazzjoni personali mis-sur Ġużeppi Cini.
49. AAM, ***Atti Civili*** 1927, item 88.
50. ***Ibid.*** 1935, 6.ii.1935.

51. APSQ, RV II & III, *passim*.
52. Dun Ġużepp Cilia miet ta' 72 sena fl-1955 fil-waqt li Dun Salv miet f'Diċembru tal-1985.
53. Dawn is-saċerdoti kienu jew Qormin jew joqgħodu Ħal Qormi. Dettal żgħir bijografiku dwarhom jinstab f'Ġ. Schembri, ''Il-Kleru ta' Ħal Qormi mill-1706 'il Hawn'', ***Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi – Erba' Sekli ta' Storja***, ed. J. F. Grima, Malta 1984, pp. 151 – 2. Dwar Dun Manwel Mallia, wieħed jista' jżid li kien serva l-ewwel fil-viċi parroċċa bħala djaknu fl-1930. Bħala saċerdot, diversi drabi qeda d-dmirijiet reliġjużi tiegħu f'San Sebastjan wara li twaqqfet il-parroċċa. Għal-lista sħiħa tal-qassisin li xi darba jew oħra qaddsu, imqar darba biss, fil-viċi parroċċa bejn l-1923 u l-1935 ara APSQ: RV I, pp. 105 – 112; RV III, pp. 109 – 145; hawn hemm imniżżla l-pedaġġi tal-quddies.
54. Komunikazzjoni personali mis-sur Ġużeppi Cini.
55. APSQ, RV I & III, pp. 101 – 2 u 90 – 5 rispettivament.
56. APSQ, RV I & III, *passim*.
57. APSQ, RV I & II, *passim*.
58. Informazzjoni ġentilment provduta mill-Kanonku Dun Ġwakkin Schembri.
59. APSQ, RV I, II & III, *passim*.
60. APSQ: RV I, pp. 6 u 99; RV III, pp. 15 – 6.
61. NAV, Atti Giov. Mifsud, 22.iii.1923. APSQ: RV I, pp. 15 u 100B; RV III, pp. 29 – 30. Id-dar kien xtraha b'kuntratt fl-1922: ara NAV, Atti Paolo Carbonaro, 1.iv.1922.
62. APSQ: RV II, p. 46; RV III, pp. 46 – 7.
63. APSQ: RV I, pp. 20 – 8, *passim*; RV II, pp. 119 – 160, *passim*.
64. APSQ, RV II, p. 131.
65. APSQ: RV I, pp. 30, 36 u 76; RV III, p. 344. Il-bambini kienu jqumu madwar tliet xelini (15ċ).
66. APSQ: RV I, pp. 20 – 8, *passim*; RV II, pp. 119 – 160, *passim*.
67. APSQ: RV I, p. 45; RV II, pp. 209 – 214.
68. Komunikazzjoni personali mis-sur Ġużeppi Cini. Is-sur Mikiel Bonello sostna, iżda, li l-Kruċifiss hu wkoll xogħol ta' Karmenu Mallia.
69. Dun Ġorġ Zarb, iben Ludovik, miet ta' 65 sena fit-2.xii.1905.
70. Dr Dun Manwel Pace ħa l-pussess fid-29.iv.1888 u baqa' kappillan sa mewtu li ġrat fis-6.v.1917 fl-għomor ta' 74 sena.
71. Dun Alwiġ Psaila, iben Franġisku Saverju, miet ta' 68 sena fil-11.iv.1908.
72. Għad-dettalji tal-festa tal-1894 ara ittra mxandra fil-*Malta Tagħna*, N.ru 141, 27.i.1894. Ħajr is-sur Vincent Peresso li għaddieli din ir-riferenza u ta' l-informazzjoni dwar il-festa tal-1895.
73. Komunikazzjoni personali mis-sur Ġużeppi Cini.
74. APSQ: RV I, pp. 30 – 6, *passim*; RV II, pp. 241 – 254.
75. Il-kotba tal-minuti tal-laqgħat tal-Kumitati taż-żewġ każini tal-banda ma fihom ebda referenza għal din il-festa. Ħajr lid-dirigenti taż-żewġ baned għal din l-informazzjoni.
76. APSQ, RV II, pp. 241 – 254.
77. Komunikazzjoni personali mis-sur Ġużeppi Cini.
78. APSQ, RV I, p. 67.
79. APSQ, RV II, p. 285.
80. APSQ, RV III, riċevuta ta' Antonio Zammit bid-data 13.iv.1935.
81. *Ibid.*, pp. 246 – 253, *passim*.
82. Ħafna mill-informazzjoni deskritta f'din it-taqsima għaddihieli jew ikkonfermahieli s-sur Ġużeppi Cini li nižžih ħajr minn qalbi għal kemm ħa paċenzja bija u bil-mistoqsijiet li ta' sikwit kont ngħamillu u li hu dejjem irrispondihomli bl-akbar paċenzja u volontà.
83. Kienu jsiru żewġ purċissjonijiet tar-Rużarju: fl-ewwel u fl-aħħar Ħdud ta' Ottubru.
84. Santu Wistin miet fis-sena 430 w.K.
85. APSQ, RV I & III, *passim*.
86. APSQ, RV I & II, *passim*. Id-dħul mill-ġbir nhar il-festa kien ikun daqs tal-Ħdud. Dan jindika li l-konkorrenza tan-nies kienet tkun sostanzjali avolja l-festa ġieli nzertat f'jum fost il-ġimgħa.
87. AAM, *Suppliche* 1923, supplika tal-kappillan Dun Vinċenz Azzopardi ippreżentata fit-22.xii.1923.
88. APSQ, RV I, pp. 81 – 4, *passim*.
89. APSQ, RV III, pp. 337 – 349, *passim*.
90. APSQ, RV I, pp. 64 – 7 *passim*, u p. 89. It-tronett indurah ukoll l-istess Lorenzo Gatt u l-ġilandra ħadimha Fredu Debono.
91. *Ibid.*, pp. 86 – 8.
92. *Ibid.*, pp. 32, 67 u 129.
93. APSQ, RV III, p. 345.
94. *Ibid.*, pp. 116 u 346.
95. *Ibid.*, pp. 151 – 6 u komunikazzjoni personali mis-sur Ġużeppi Cini.
96. APSQ, RV I & III, *passim*.
97. APSQ, RV I, pp. 122 – 3; Ġ. Schembri, ''Il-Kleru ta' Ħal Qormi ... eċċ.'', *op. cit.*, p. 151; komunikazzjoni personali mis-sur Ġużeppi Cini. Id-dar illum iġġib in-numru 165.
98. APSQ, RV III, pp. 189 – 192.
99. APSQ, RV I, p. 123.
100. APSQ, RV II, pp.189 – 192, *passim*.
101. APSQ: RV I, pp. 30 – 6 u 76 – 94; RV III, pp. 64 – 7; *passim*.
102. APSQ: RV I, pp. 31, 32, 84, 90, 91, 132 – 3; RV III, pp. 215 – 9, 229 – 231, 254 u 343.
103. APSQ: RV I, pp. 30 – 6, *passim*; RV III, pp. 281 – 311.
104. ***Census of the Maltese Islands 1931***, Malta Govt. Press 1932, pp. 5 – Table VI u pp. 30 – 1 – Table XXIV.
105. Ara n-nota n.ru 1. Kopja bit-Taljan ta' dan id-digriet jinsab fl-uffiċċju parrokkjali u kopja tiegħu, miġjub bil-Malti, ixxandar fil-fuljett parrokkjali ***Sliem u Ħajja***, 85/4, mhux impagnat. Kopja ta' din it-traduzzjoni ngħatat lil kull min attenda l-quddiesa li saret biex tfakkar il-ħamsin sena ta' dan l-avveniment, jiġifieri nhar il-25.x.1985. Faksimili tad-digriet oriġinali, kompjut bil-firem tal-Arċisqof u tal-Kanċellier tal-Kurja, ixxandar fil-fuljett li għadna kemm iċċitajna.

*　*　*　*　*

EASYSELL FURNITURE Ltd

Mdina Road, Qormi.
Tel: 444355/487413

**Manufacturers of various models of Italian Style Sitting Room suits. To suit all tastes and pockets.**

# EMMANUEL VELLA & SONS

Customs Clearing Agents — Transport Contractors
Cranes & Lifting Service — Warehousing

TIR Trailers Operators

**Telephone: 487033**

**"St. Anthony",**
**Watermill Street,**
**Qormi, Malta.**



TISWIJIET
TA' MAGNI TAL-ĦJATA

Irrikorru

# JOSEPH ZERAFA

7, New Street, Qormi.
(Tel: 487135/443451)

**(Ex SINGER mechanic b'24 sena esperjenza)**


GET CLOSER
TO YOUR
DESTINATION WITH
EXPRESS TRAILERS
Weekly groupage departures to and from major European cities.
Full load trailers to and from any destination.
Worldwide transhipments via Rotterdam.
For further information contact:
EXPRESS TRAILERS LIMITED.
Express House.
Vial de la Cruz, Qormi, Malta.
Telephone: 487531/492150
Telex: MW 1783
FORD
VOLVO
EXPRESS
TRAILERS




# Il Fiorista

MAIN STREET, QORMI – Tel. 499245

**GETTING MARRIED?**

***then leave àll your floral arrangements to us.***

SPECIALISTS IN:

**Wedding Head-dresses,** ***hats***
**Souvenirs and Bouquets.**

Also available: **Artificial Plants, Silk Flowers and Floral Mechanics.**

**We also cater for internal flower decorations**

*Raymond Fabzon*

***IL FIORISTA for all your floral needs***



**Jekk għandek bżonn tixtri xi cards, kotba jew rigali: asal wasla sal-**

# *LIBRERIJA TAL-PARROĊĊA*

Librerija Dun Ġino

**(fil-Kripta tal-Knisja)**

**Tista' wkoll tissellef kotba x'taqra**

# PROGRAMM FESTA SAN SEBASTJAN 1986

### Il-Ħadd, 6 ta' Lulju:

8.30 a.m.: Quddiesa fil-Każin tal-Banda Pinto għall-membri u ħbieb tas-Soċjetà. Iqaddes id-Direttur Spiritwali, Dun Joe Borg.

### It-Tnejn, 7 ta' Lulju:

7.00 p.m.: Tberik u ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru ta' l-Għaqda ta' l-Armar. Għal din l-okkażjoni il-Banda PINTO se tagħmel marċ f'dawn it-toroq: St. Mary, St. Benedict, St. Joseph, Conception, Watermill, Fontanier, St. Bartholomew, Fremond, Garden u St. Sebastian.

### It-Tlieta, 8 ta' Lulju:

9.30 a.m.: Għotja ta' demm lill-Bank tad-Demm.

7.30 p.m.: Christian Festival bit-tema:

GĦANJA GĦALL-PAĊI fis-Sala ta' l-Iskola, imtella' mill-membri taċ-Ċentru Żgħażagħ tal-parroċċa bis-sehem ta' Fr. David Azzopardi, l-Grupp Kerygma u l-Moviment Ġenerazzjoni Ġdida.

### L-Erbgħa, 9 ta' Lulju:

5.00 p.m.: Sports Rally fil-Ground ħdejn il-Pitch tal-Boċċi.

7.30 p.m.: Laqgħa ta' Talb għaż-żgħażagħ fil-Kripta tal-Knisja (isfel).

### Il-Ħamis, 10 ta' Lulju:

7.00 p.m.: fil-Knisja ż-Żgħira jsir it-Tberik ta' l-Istatwa tar-Redentur mogħtija lill-Knisja. Ikun hemm Quddiesa fil-Knisja ż-Żgħira.

7.30 p.m.: Festa għaż-żgħażagħ – Varjeta bi żfin u Kant Modern.

### Il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju:

8.00 p.m.: Lejla Qormija – għana, sketches, kant u żfin.

### Is-Sibt, 12 ta' Lulju:

6.00 p.m.: Quddiesa mis-Saċerdot il-ġdid, Dun Evan Caruana li matul is-sena li għaddiet kien iservi bħala Djaknu fil-parroċċa tagħna.

7.15 p.m.: Ftuħ ta' Wirja dwar il-parroċċa tagħna fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif tagħha. Il-wirja se ssir fil-Kripta tal-Knisja (isfel).

8.30 p.m.: Marċ mill-Banda SAN LAWRENZ tal-Birgu (St. Bartholomew, Fremond, Correa, St. Sebastian, St. Benedict, St. Bartholomew, Main, St. Sebastian).

### Il-Ħadd, 13 ta' Lulju:

8.00 a.m.: Tlielaq bir-roti mat-toroq tal-parroċċa.

9.00 a.m.: Quddiesa fiċ-Ċentru ta' l-Għaqda ta' l-Armar mill-W.R. Kappillan, Dun Vinċenz Deguara.

5.00 p.m.: Carcade mill-Imdina takkumpanja l-Vara ta' San Sebastjan sa Ħal Qormi.
7.30 p.m.: Il-vara ta' San Sebastjan tiġi milqugħa fil-bidu ta' Triq San Sebastjan u titwassal għall-Knisja mill-Banda PINTO.

## It-Tnejn, 14 ta' Lulju:.
### *JUM IT-TFAL*

6.00 p.m.: It-tfal kollha jinġabru ħdejn il-Museum tas-Subien fi Triq San Bartilmew minn fejn jitilqu għall-Knisja fejn issir ċelebrazzjoni għalihom u jitqassmu l-premjijiet tal-Kompetizzjonijiet tagħhom.
8.30 p.m.: Marċ mill-Banda NICOLO ISUARD tal-Mosta li jgħaddi minn dawn it-toroq: Olive Square, Mdina, Ġużè Duca, New, Victory, St. Sebastian.

## It-Tlieta, 15 ta' Lulju:
### *JUM L-ANZJANI U L-MORDA*

6.30 p.m.: Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Quddiesa għall-anzjani u l-morda kollha ta' Ħal Qormi.
8.30 p.m.: Marċ mill-Banda SANTA MARIJA tal-Qrendi li jgħaddi minn dawn it-toroq: St. Bartholomew, Victory, Ant. Muscat Fenech, St. Edward, Drama, St. Catherine, Victory, St. Sebastian.

## L-Erbgħa, 16 ta' Lulju:
### *L-EWWEL JUM TAT-TRIDU*

6.30 p.m.: Quddiesa Kantata bl-Omelija mill-W.R. Kan. Dun Ġużepp Bonello. Kurunella, Innu, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Innu Popolari.
*Mistiedna Speċjali: Il-Helpers kollha tal-Parroċċa.*
8.30 p.m.: Marċ mill-Banda M.M.GRATIAE ta Ħaż-Żabbar li jgħaddi minn dawn it-toroq: St. Bartholomew, Narbona Square, Victory, St. Sebastian, St. Bartholomew, Main, St. Sebastian.

## Il-Ħamis, 17 ta' Lulju:
### *IT-TIENI JUM TAT-TRIDU*

6.30 p.m.: Ċelebrazzjoni bħal jum ta' qabel.
*Mistiedna speċjali: Dawk li twieldu jew iżżewġu fl-1936 u dawk kollha li huma msemmija għal San Sebastjan.*
8.30 p.m.: Marċ mill-Banda PINTO li jgħaddi minn dawn it-toroq: St. Roque, Main, Mifsud Ellul, Correa, Ħabbież, Amleto Spiteri, Cannon, Karm Debono, M.A. Vassalli, Bajjada, Valletta, Correa, St. Sebastian.

## Il-Ġimgħa, 18 ta' Lulju:
### *IT-TIELET JUM TAT-TRIDU*

6.30 p.m.: Ċelebrazzjoni bħal jum ta' qabel.
*Mistiedna speċjali: L-Emigranti li jkunu fostna għall-vaganzi.*
8.30 p.m.: Marċ mill-Banda PINTO li jgħaddi minn dawn it-toroq: St. Bartholomew, Narbona Square, De la Cruz, Fremond, Watermill, St. Sebastian.

**Is-Sibt, 19 ta' Lulju:**

*LEJLET IL-FESTA*

8.30 a.m.: Quddiesa Kantata għall-Benefatturi tal-Knisja u l-Kant tat-TE DEUM.

6.30 p.m.: Trażlazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' San Sebastjan Martri mill-Knisja ż-Żgħira għall-Knisja l-Kbira; Quddiesa Kantata bl-Ewwel Għasar; imexxi l-funzjoni W.R. Monsinjur Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali.

8.30 p.m.: Quddiesa letta.

8.00 p.m.: Wara marċ fi Triq San Sebastjan, il-Banda PINTO tesegwixxi programm vokali u strumentali taħt it-tmexxija tas-surmast tagħha Mro. G. Debono, L.(Mus)., L.C.M.

9.30 p.m.: Esibizzjoni ta' murtali tal-kulur, kaxxa nfernali u logħob tan-nar ta' l-art ħdejn il-Knisja.

**Il-Ħadd, 20 ta' Lulju:**

# JUM IL-FESTA

Il-Quddies ikun bħal nhar ta' Ħadd.

8.00 a.m.: Konċelebrazzjoni Solenni mis-Saċerdoti tal-parroċċa u ħbieb tagħha li għaliha huma mistiedna speċjali r-reliġjużi kollha minn Ħal Qormi jew li qed jaħdmu f'Ħal Qormi. Jinseġ il-Paniġierku r-Rev. Patri Vinċenz Portelli O.P.

9.30 a.m.: Il-Banda PINTO tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu.

6.00 p.m.: Quddiesa Kantata bit-Tieni Għasar u Omelija fuq San Sebastjan.

7.30 p.m.: Purċissjoni bl-istatwa u bir-relikwija ta' San Sebastjan. Wara l-purċissjoni, Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Innu Popolari.

Imexxi l-Funzjoni il-W.R. Monsinjur Bartholomeo Bezzina.

Il-Banda IMPERIAL tal-Mellieħa takkompanja l-purċissjoni.

Il-Banda SAN ĠORĠ MARTRI ta' Ħal Qormi tagħmel marċ minn ħdejn il-Każin tal-Banda San Ġorġ u wara ddoqq programm ħdejn il-Każin tal-Banda Pinto.

- **Il-Kor tal-parroċċa, LAUDATE DOMINUM, taħt it-tmexxija ta' Dun Ġwann Bugeja jieħu sehem fil-funzjonijiet kollha tal-festa.**
- **Is-Sibt, Lejlet il-Festa, filgħaxija jkun hawn konfessuri barranin għall-qrar. Jixraq li l-festa tkun kompluta, billi kulħadd jersaq għas-sagramenti.**
- **Hu mixtieq illi flok bukketti għal quddiem l-istatwa, jsiru donazzjonijiet biex bihom jibdew jinġabru l-fondi meħtieġa għall-pedestall ġdid għall-Istatwa ta' San Sebastjan.**
- **Importanti ħafna li nibżgħu għall-Istatwa li għadha kemm ġiet indurata mill-ġdid; għalhekk m'għandhomx jintefgħu karti jew fjuri fuq l-istatwa waqt il-purċissjoni u lanqas m'għandu jinħaraq nar fil-viċin tagħha.**

# ŻEWĠ QASSISIN ĠODDA

**Il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju, 1986, hija ġurnata li żgur ma tintesiex għal Dun Charles Scicluna u Dun Evan Caruana. Dan inhar huma ġew ordnati qassisin għal dejjem: ġew mogħtija sehem mis-saċerdozzju ta' Kristu, il-Qassis il-Kbir u ta' dejjem tal-Patt il-Ġdid li huwa ssiġilla b'demmu fuq il-Kalvarju. L-Ordinazzjoni Saċerdotali saret fil-Kon Katidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta fis-6.30 ta' filgħaxija minn Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca.**



*Dun Charles Scicluna u Dun Evan Caruana jwettqu x-xogħol ta' Djakni flimkien ma' Monsinjur Arċisqof fil-parroċċa tagħna fl-okkażjoni tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja tagħna, nhar id-19 ta' Jannar, 1986.*

### Dun Charles Scicluna

Għalkemm Dun Charles illum joqgħod Ħal Lija, huwa twieled Ħal Qormi u trabba wkoll fil-parroċċa tagħna. Huwa se jqaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-parroċċa ta' Ħal Lija nhar il-Ħadd, 27 ta' Lulju, 1986 fil-10.30 ta' filgħodu. Flimkien mal-familja tiegħu, huwa jixtieq jistieden lill-Qriema kollha għal din l-okkażjoni. Huwa, imbagħad jiltaqa' ma' dawk li jixtiequ jifirħulu nhar it-Tnejn u t-Tlieta ta' wara fid-dar tal-familja tiegħu. Dun Charles se jqaddes quddiesa fil-parroċċa tagħna, nhar il-Ħadd, 10 t'Awwissu, 1986, fid-9.30 ta' filgħodu.

### Dun Evan Caruana

Dun Evan hwa mill-parroċċa ta' Bormla. F'dawn l-aħħar xhur huwa kellu kuntatt mal-parroċċa tagħna billi bħala parti mill-formazzjoni tiegħu matul id-djakonat huwa kien assenjat biex jaqdi l-ministeru tiegħu bħala djaknu fil-parroċċa tagħna. Huwa wkoll, flimkien mal-familja tiegħu jixtieq jistieden lill-Qriema għall-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-parroċċa ta' Bormla nhar is-Sibt, 26 ta' Lulju, 1986 fis-7.15 ta' filgħaxija u jiltaqa' ma' dawk li jkunu jixtiequ jifirħulu nhar it-Tnejn 28 ta' Lulju, 1986 fil-Każin tal-Banda San Ġorġ, Bormla. Dun Evan se jqaddes ukoll quddiesa fil-parroċċa tagħna, nhar is-Sibt 12 ta' Lulju, 1986, fis-6.00 ta' filgħaxija.

(Lawris)

# Dolceria Fred Buongusto

Għal Parties, Għerusijiet, Tiġijiet

Magħmudijiet u kull okkażjoni oħra



**DOLCERIA:**

**WATERMILL STREET,**

**QORMI.**

**TEL. 488103**

# LORRAINE

**Unisex Hairstylist**

*5 years experience with Pierre Camille at Sliema. Specialises in cuts, blows, perms, high and low lights, oil treatments, straightening, colour tinting, etc.*

**148, Mdina Road Qormi.**
**Tel. 497145**

*(Closed on Wednesdays mornings only)*



MBO MBO MBO MBO MBO MBO MBO MBO MBO MBO MBO MBO

# INKPOT

Stationery

QORMI

TEL: 46602

**Watches – Costume Jewellery**
**Toys – Games**
**Calculators – Typewriters**
**Construction Sets**
**Toiletries – Perfumery – Cosmetics**
**Birthday Cards etc.**

MBO MBO MBO MBO MBO MBO MBO MBO MBO MBO MBO M



# CENTRE POINT SHOWROOM

N/S in Main Street, Qormi.
Tel. 495297

***Bicycles, Tricycles, Sport goods, Exercise Bikes, Toys, Stationary, Household goods, Fans, Heaters and gifts for every occasion.***

# SOFT Spot

## THE HEALTH & BEAUTY SHOP

**St. Bartholomew Street, Qormi.**
(Fejn tas-serkini)

MUĊĊU GARAGE
FOR
SECOND HAND
ENGINES
COMMERCIAL VEHICLES
&
ALLTYPE OF SPAREPARTS



TEL: 47092.
ZINZELL STR; QORMI

SCERRI
bakery

Ant. Muscat Fenech Str.,
Qormi. Tel: 487092




**St. Bartholomew Street, Qormi.**
(Quddiem il-Knisja ta' San Sebastjan)

# FRESH AND FROZEN MEAT

Prop. Auxilio Axisa.







1. L-iskultur flimkien maz-zokk li minnu għamel l-istatwa.
2. Il-buzzett ta' l-istatwa.
3. L-istatwa fl-istudju ta' l-iskultur, qabel ma nżebgħet.

# IL-VARA TITULARI TA' SAN SEBASTJAN F'ĦAL QORMI

Apprezzament Artistika minn Antonio Espinosa Rodriguez*

Fost l-aspetti l-aktar ħajja u mlewwna tat-tradizzjonijiet tal-ġens Malti hemm, bla dubju ta' xejn, il-festi li jsiru ad unur il-qaddisin patruni tal-parroċċi tal-gżejjer Maltin. L-appuntament, ejja nsejħulu hekk, tas-sena l-aktar mistenni u mixtieq mill-maġġor parti tal-komunitajiet parrokkjali. Eskwiżitament popolari, il-festa hi mill-poplu u hi tal-poplu, fejn huwa jesprimi esternament is-sentimenti veri tiegħu. Il-festa tar-raħal, jew aħjar "il-festa tagħna", hi ta' importanza mhux biss reliġjuża iżda saħansitra soċjali.

Il-perm ta' kollox, iċ-ċentru ta' attrazzjoni fil-festa huwa, naturalment, il-qaddis festeġġjat taħt ix-xbiha ta' l-istatwa jew 'vara'. Hija din il-vara li tinġarr proċessjonalment fuq l-ispallejn, fost briju u ferħ, minn ġo t-triqat imżejjna u mdawwla tal-lokal. Għalhekk, kif il-knisja ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi saret parroċċa fil-5 ta' Jannar 1936 skond id-digriet maħruġ mill-Arċisqof Dom Mawru Caruana OSB fil-25 ta' Ottubru 1935,[1] feġġ il-ħsieb li ssir vara ta' San Sebastjan biex tkun tista' tiġi ċċelebrata l-festa ta' dan il-qaddis kif jixraq. F'Awissu tal-1936, tħabbar li l-iskultur żagħżugħ Ġorġ Borg (1906 – 1983) kien intgħażel mill-Kumitat Djoċesan għall-Arti sabiex jiskolpi l-istatwa skond buzzett minnu stess maħdum.[2]

Biex sab għuda tajba għall-iskop ta' moħħu, Borg kellu jitħabat mhux ħażin. Kien biss bl-interess u għajnuna ta' Sir Hannibal Scicluna li huwa sar jaf b'zokk enormi tal-arznu isfar li kien hemm mitluq fit-tarzna navali ta' Malta.[3] Wara li kitbilhom, l-awtoritajiet navali qablu li jbigħu dan iz-zokk għall-prezz ta' £23.4s.10d.[4] Sa fl-aħħar, f'Diċembru 1936, iz-zokk inġarr għall-istudju ta' l-artist fi Strada Cristoforo, il-belt Valletta. Fl-20 ta' Jannar 1937, Ġorġ Borg, permezz ta' skrittura privata, intrabat mal-kappillan Dun Alwiġ Psaila li jiskolpi l-istatwa ta' San Sebastjan fi żmien tmien xhur għall-ħlas ta' £160.[5]

Issa l-artist seta' jibda jaħdem. Il-biċċa xogħol ma kenitx faċli. Huwa ma' qatax qalbu għalkemm kien hemm min forsi ħaseb li kien daħal għal ħaġa bil-wisq akbar minnu.[6] L-iskultur, għalkemm żgħir fl-età, kien żgur u deċiż li jaqta' figura tajba quddiem kulħadd. Huwa minn ċkunitu kien wera talent u disposizzjoni għall-arti, partikolarment għall-iskultura u modellar, u kien studja taħt surmastrijiet tajbin fl-Iskola ta' l-Arti ta' Malta u fir-*Regia Accademia di Belle Arti* ta' Ruma. Wara xhur ta' xogħol iebes u delikat, il-vara ta' San Sebastjan tlestiet. Il-Ħadd, 17 ta' Diċembru 1938, l-istatwa ttieħdet Ħal Qormi fejn ingħatat laqgħa trijonfali mill-poplu Qormi.[7]

Il-gazzetti ta' dak iż-żmien kienu kollha tifħir u mimlijin ammirazzjoni għal din l-



Ruman, kif fil-fatt kien, lest li jagħti ħajtu għall-Fidi Nisranija tiegħu.

Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li l-vara ta' San Sebastjan ta' Ħal Qormi hija koħerenti mhux biss mal-karattru tal-qaddis iżda wkoll ma' ta' l-iskultur li ħadimha. Ġorġ Borg kien wieħed minn dawk li ħa l-arti bis-serjetà, kien fitt u preċiż, u kellu ħila teknika kbira. Kienet tkun ħaġa faċli li jiskolpi xi statwa psewdo-barokka b'ħafna panniġġi u ġesti melodrammatiċi li tant jintgħoġbu minn x'uħud. Ġorġ Borg qatt ma seta' jagħmel kompromessi bħal dawn għax kien tassew artist ta' kuxjenza. Bl-istatwa ta' San



opra ta' arti, wild il-ħila ta' skultur Malti. Fost l-oħrajn, it-**Times of Malta** qalet li **"a valuable work of art has been performed by Mr. George Borg, the sculptor. It is a statue of St. Sebastian, which has been carved out of one solid block of yellow pine . . . the statue is a remarkable and original work, different from Church figures which abound in these islands and elsewhere."**[8] Tassew li l-vara li ħarġet minn taħt idejn Ġorġ Borg kienet rimarkabbli. Ispirat mill-arti Imperjali Rumana, iżda mneżża mill-eċċessi tal-Elleniżmu, Borg inqata' minn mat-tradizzjoni sabiex ħoloq figura marzjali, sobrija u dinjituża. Il-poża turina lil San Sebastjan liebes ta' suldat

Sebastjan, Ġorġ Borg ħalla lil Ħal Qormi u lil Malta eżempju skjett, iżda sublimi, tal-arti sagra.

Fl-1944, eżatt wara l-gwerra, l-istatwa ta' San Sebastjan inżebgħet minn Toussaint Busuttil u ġiet indurata mid-ditta Mallia & Xuereb. Fit-2 ta' Lulju ta' l-istess sena tbierket solennement mill-kappillan Dun Alwiġ Psaila biex b'hekk ta bidu għall-festi ad unur ta' San Sebastjan ta' dik is-sena.[9] F'din is-sena tal-ġublew tad-deheb tal-parroċċa, il-vara reġgħet inżebgħet u ġiet indurata, din id-darba mill-Għawdxi Michael Camilleri Cauchi u d-ditta Farrugia ta' l-Imdina rispettivament.

* *Antonio Espinosa Rodriguez B.A.(Hons.)(Lond.):* Twieled Sivilja fi Spanja iżda trabba' u jgħix f'Malta. Studja fl-Università ta' Londra fejn ħa B.A.(Hons.) fl-Istorja ta' l-Arti. Jaħdem mad-Dipartiment tal-Mużewijiet Nazzjonali u qiegħed jirriċerka għal serje ta' studji kritiċi fuq l-arti Maltija. Uħud mill-kontribuzzjonijiet tiegħu dehru f'*Marian Art during the 17th and 18th Centuries* (1983) u fil-*Proceedings of History Week 1983* (1984). Hu membru tas-Soċjetà Storika (ta' Malta).

1. AAM, *Kancellerija, Konferiment Parroċċi San Ġorġ u San Sebastjan Qormi*. Kopja ta' dan id-digriet jinsab espost fl-uffiċċju parrokkjali.
2. *Leħen is-Sewwa*, 2.ix.1936; *Il-Poplu*, 31.viii.1936.
3. Informazzjoni mgħoddija lili personali mill-istess skultur Ġorġ Borg.
4. L-irċevuta tinsab fost il-karti personali ta' l-iskultur Ġorġ Borg, illum għand l-armla tiegħu. Dawn jagħmlu Lm23.24c fi flus moderni.
5. Kopja ta' dan il-ftehim jinsab fost il-karti personali tal-iskultur Ġorġ Borg.
6. *Malta*, 7.xii.1938.
7. *The Malta Chronicle*, 23.xii.1938.
8. *Times of Malta*, 17.xii.1938.
9. *Leħen is-Sewwa*, 1.vii.1944; *Il-Berka*, 1.vii.1944; *Times of Malta*, 30.vi.1944.

*　　*　　*　　*　　*

# Deredin Confectionery

44, CONCEPTION STR., QORMI
TEL. 494319 494512

**LET YOUR WEDDING DAY BE THE BEST OF YOUR LIFE – CHOOSE THE BEST CATERING IN TOWN**

*Caterers for: Weddings, Engagements, Baptisms, Parties and for all other Occasions.*




# TWANNY

## drapery and boutique

**Ladies', gents' and children's wear.**

**Footwear**

103, St. Sebastian Street, Qormi. Tel. 498755.

# EMMIE'S JEWELLERY



***FOR ALL YOUR CHAINS***





Gifts for all occasions

Accepts repairs of all types of gold, silver and watches.

***MDINA ROAD, QORMI.***




## RAYMOND BORG – CAB DRIVER

94, St. Benedict Street, Qormi. (Tel. 43908)

*Naċċetta kiri ta' karozzini, speċjalment għal tiġijiet.*

## CILIA BLOCKS

*Suppliers of:*

CONCRETE BLOCKS - MESH - FRANKA

SAND - XOROK - CANGATURA

TRAVI - CEMENT

Tel. 22743


QP
QORPIN
Rigali Linef Ghamara
Bl-Ahjar Kwalita u Prezzijiet
Issibhom Biss
Għand
Qorpin GIFT SHOP
42 St Bartholomeo Street, Qormi
Qorpin FURNITURE SHOWROOM
105 Mdina Road, Qormi
Is Sibt sa' 12-00
QP

# IL-KNISJA L-QADIMA TA' SAN SEBASTJAN F'ĦAL QORMI

Apprezzament Arkitettoniku minn Michael Ellul*

Tista' tgħid li ċ-ċentru storiku ta' kull raħal Malti huwa konċentrat madwar il-knisja parrokkjali, u kważi kullimkien, ir-raħal kiber f'forma ftit jew wisq ċirkolari madwarha. Jekk wieħed jistudja bir-reqqa mapep antiki, jara kif, aktarx apposta milli b'kumbinazzjoni, it-toroq kollha, ewlenin u sekondarji, jagħtu għall-inħawi tal-knisja jew jgħaddu sewwa minn qribha.

Għax fir-raħal Malti ta' missirijietna l-knisja kienet iċ-ċentru mhux biss ta' twemminhom, iżda wkoll ċentru soċjali, u kien fuq iz-zuntier u fil-pjazza ta' quddiem il-knisja, li n-nies kienet tiltaqa' biex titkellem u biex tgħaddi lil xulxin il-ġrajjiet tal-jum.[1] Iżda mal-mogħdija taż-żmien il-popolazzjoni fl-irħula bdiet tiżdied u djar ġodda bil-fors kellhom jitferrxu u jitbiegħdu miċ-ċentru, bir-riżultat li fin-nukleji ġodda li bdew jinħolqu, bdiet tinħass il-ħtieġa tal-bżonnijiet normali essenzjali għall-kwalità tal-ħajja.

Ħal Qormi mhuwiex eċċezzjoni għal din il-forma ta' żvilupp rurali. Iċ-ċentru storiku kien essenzjalment madwar il-parroċċa ta' San Ġorġ, iżda maż-żmien, meta l-ilma qiegħed tal-Marsa bil-periklu għas-saħħa li kien iġib miegħu beda


Frendo Photographics

jixxotta, u l-art baxxa bdiet timtela', ir-raħal beda jikber lejn il-punent, u mbnew djar f'dik in-naħa l-aktar qrib lejn il-portijiet li kienu minn dejjem mezz ewlieni ta' għixien għal bosta rġiel minn Ħal Qormi. Hekk, f'Ħal Qormi inħoloq raħal żgħir, satellita ta' dak ewlieni, iżda biċċa waħda miegħu ġeografikament u soċjalment, għalkemm fuq firxa oħra. Dil-parti tar-raħal kompliet tikber, u ma kienx ta' b'xejn, għalhekk, li l-kuntrattur u mgħallem tal-ġebel Mastru Mikiel Anġlu Azzopardi għall-ħabta tal-bidu tas-sena 1873 kiteb lill-Isqof, Monsinjur Gejtanu Pace Forno (1857 – 74) biex timbena knisja żgħira oħra f'Ħal Qormi, l-aktar qrib lejn il-Marsa. "L-abitanti ta' Ħal Qormi", kiteb Azzopardi fir-rikors tiegħu lill-Isqof, "fit-triqat imbiegħda mill-parroċċa, fix-xitwa, u kull meta jonfħu rjieħ kuntrarji,[2] ma jkunux jistgħu jmorru l-Parroċċa biex jissodisfaw l-obbligu tas-smiegħ tal-quddies, kif ukoll għax ma jisimgħux il-leħen tal-qniepen, u wkoll minħabba x-xita, u t-tajn u l-ilma fit-triqat". Ikompli Azzopardi: "Ilha għal bosta snin ix-xewqa ta' ħafna nies li jaraw timbena knisja filjali qrib l-istatwa ta' San Bastjan, u kienu ħafna dawk li fil-pont tal-mewt taw xi flus lis-saċerdot li kien qed jassistihom, għall-istess skop". Azzopardi jagħlaq ir-rikors tiegħu billi jgħid li kien hemm ħafna nies illum lesti li joħorġu flus għall-bini tal-knisja, u li diġà nstab post adattat għaliha. L-Isqof Pace Forno jidher li fehem mill-ewwel il-bżonn ta' knisja ġdida f'dawk l-inħawi, u f'Ġunju tal-1873 approva d-domanda ta' Azzopardi.

Inqala' xi disgwid żgħir ħafna li malajr ġie rranġat, u l-kappillan tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Dun Alwiġ Ellul (1867 – 88), matul l-istess xahar ta' Ġunju kiteb lill-Isqof u talbu jinnomina żewġ deputati biex ikunu jistgħu jissorveljaw tajjeb il-bini tal-knisja sakemm titlesta, u li għall-bini tagħha "skond il-ġudizzju ta' Mastru Mikiel Anġlu Azzopardi kien hemm bżonn is-somma ta' elf lira sterlina".

Id-devozzjoni lejn San Bastjan bħala protettur kontra l-pesta ma kenitx xi ħaġa ġdida għall-Knisja Kattolika. Sa mis-sena 680 l-insara ta' Ruma kienu talbu lilu biex iħarishom minn dak il-flaġell li kien qered eluf ta' nies f'dik is-sena.[3] F'Malta, sa mis-sena 1477[4] kienet diġà tissemma' knisja ta' San Bastjan fir-Rabat, li reġgħet imbniet fis-sena 1519 u mill-ġdid fl-1731. Isemmiha infatti n-Nutar Luca Sillato fl-atti tiegħu tat-13 ta' Settembru 1477. Aktar tard, fl-1575, id-Delegat Apostoliku Mons. Duzina kien żar knisja żgħira dedikata lil San Bastjan fil-parroċċa ta' Bir Miftuħ, knisja, li mbagħad ġiet profanata jew meqruda, għax ma tissemiex iżjed wara l-1616.[5] Iżjed qrib lejn is-suġġett tagħna, Duzina jsemmi kappella żgħira dedikata lil San Bastjan f'Ħal Qormi, u li diġà f'dak iż-żmien kienet tinstab fi stat ħażin. L-Isqof Gargallo jsemmi fl-1601 kwadru ta' San Bastjan f'kappella ta' Santu Rokku, ukoll f'Ħal Qormi, u li ġiet profanata fl-1656.

Sal-pesta tal-1591 – 93, missirijietna kienu jqimu prinċipalment lil San Bastjan kontra l-marda. Il-qima lejn Santu Rokku bl-istess għan daħlet f'Malta madwar dawn is-snin, u, infatti, kappella dedikata lil dawn iż-żewġ qaddisin mbniet ġo Ħal-Lija maġenb il-knisja tas-Salvatur il-Qadim għal din il-ħabta.[6] Magħrufa biż-żejjed fostna hija l-kappella ta' San Bastjan fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann tal-Lingwa ta' Alvernja, imżejna b'pittura ta' Giuseppe D'Arena (c.1643 – 1719) fl-artal ewlieni u fiż-żewġ lunetti tal-ġnub. Ta' D'Arena wkoll hija l-pittura kbira tal-Madonna bil-Bambin, u Santu Rokku u San Bastjan, u li saret fl-1710 għall-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija biex tfakkar il-pesta qerrieda tal-1676.[7]

Bħala wegħda għall-ħelsien mill-istess pesta, il-Kunsill ta' l-Ordni ta' San Ġwann iddeċieda li jqiegħed fil-Kappella ta' l-Immakulata, Sarrija, il-Furjana, ix-xbiehat ta' San Bastjan u Santu Rokku.[8]

Fl-1813, pesta traġika mhux anqas mill-ħafna ta' qabilha ħalliet mewt u qerda ma' Malta kollha, u li matulha Ħal Qormi sofra b'mod speċjali. Kien il-post fejn l-iżjed damet taħkem il-marda, u fejn madwar 15% tal-popolazzjoni mietu vittmi tagħha.[9] Biex titfakkar din il-ġrajja, ġo Ħal Qormi twaqqfet statwa tal-ġebel ta' San Bastjan maħduma minn Francesco Fabri (c.1730 – ?) u ibnu, mill-Birgu, fl-1816.[10] Verżjoni oħra dwar l-iskulturi ta' l-istatwa tgħid li kienu Gerolamo Fabri u ħuh Francesco (attivi seklu XVIII).[11]

Propju fil-pjazzetta simpatika fejn hemm din l-istatwa, ġie deċiż li timbena l-knisja ta' San Bastjan.

Mil-lat purament urbanistiku, l-għażla tas-sit kienet waħda ideali. Żewġ triqat jikkonverġu ġol-pjazzetta, u din imbagħad tiftaħ bil-knisja eżattament quddiemha, fil-waqt li ż-żewġ triqat ikomplu, waħda kull naħa tal-knisja. Għalhekk il-knisja hija mqabbda mal-bini fuq tliet naħat, l-arranġament pjanifikatorju, sew jekk b'kumbinazzjoni sew jekk meditat, huwa tipiku ta' ħafna knejjes Rinaxximentali f'Ruma, naturalment, fuq skala wisq iżgħar.

Il-Barokk fl-arkitettura tal-knejjes Maltin kien, sa min-nofs tas-seklu sbatax, marbut ma' qalb l-arkitetti u l-imgħallmin bennejja tagħna. Anke f'dan iż-żmien, jiġifieri fl-egħluq tas-seklu dsatax, meta l-Ewropa kienet qegħda tuża stili ġodda u tersaq sewwa lejn il-modern, aħna f'Malta, wara l-esperimenti li fallew tan-neo-Klassiku u tan-neo-Gotiku, bqajna nispiraw ruħna minn stil li konna


Frendo Photographics

adoperajna għal snin twal, u għax ħassejnieh jaqbel mal-karattru Mediterranju tagħna, bqajna nużawh.

Il-faċċata ta' San Bastjan f'Ħal Qormi, infatti, hija bażata, naturalment b'varjazzjonijiet fuq l-għamla tipika tal-maġġoranza tal-knejjes Maltin.

L-arkitett, aktarx il-Perit Ġużeppi Borg 'tal-Lira'[12] kellu biċċa xogħol iebsa li f'sit daqshekk ristrett tant fil-wisa' kif ukoll fil-fond kellu jtella' knisja bl-akbar spazju possibli għall-parti minn raħal li kien qed jikber b'ħeffa kbira. U din hija r-raġuni li l-faċċata għanda proporzjonijiet li jagħtu impressjoni ta' għoli xi ftit żejjed meta mqabbel mal-wisa'. Ir-riżultat finali, iżda, huwa effetiv u kredtu għall-awtur tagħha. Il-faċċata tikkonsisti fi tliet taqsimiet vertikali u fi tlieta orizzontali.

L-arkitett juża b'suċċess dik li fl-arkitettura hija magħrufa bħala 'unġjatura', jiġifieri qatgħa ta' 45 grad fil-kantunieri, biex b'hekk jevita x-xwieki li f'faċċata dejqa jkunu aċċentwati iżjed, u fl-istess ħin jagħti sens ta' kontinwità mill-faċċata għall-ġnub mingħajr interruzzjoni f'daqqa.

Fit-taqsima ta' isfel naraw żewġ pari pilastri abbinati ta' l-Ordni Kompost, u bieb klassiku bi blata ċatta. Biex jagħtih aktar sens ta' għoli, l-arkitett juża fuqhu frontun għat-terz, u ieħor fuqu trijangulari maqtugħ – element purament Barokk.

It-tieni taqsima vertikali, b'arranġament identiku fis-sistema tal-pilastri, f'dan il-każ tal-Ordni Korinzju, hija, fil-fehma tiegħi, l-aktar waħda inċerta fil-faċċata kollha. Il-massa kbira ta' ġebel hija biss interrotta minn tieqa ta' dimensjonijiet sproporzjonati. Dan id-difett jonqos ftit bl-arma skolpita tal-Papa Ljun XIII. Id-daqs u l-posizzjoni tat-tieqa kienu, wisq probabbli, iddettati mill-gallarija ta' l-orgni ġol-knisja

It-tielet taqsima vertikali hija l-isbaħ u l-aktar interesanti fil-faċċata kollha. Iż-żewġ kampnari jibqgħu telgħin fuq l-unġjatura tal-kantunieri, b'mod li anke huma jiffurmaw angolu ta' 45 grad. L-Ordni fil-kampnari huwa l-Joniku, bi skultura fina u maħduma, bħal kumplament tad-dettalji tal-faċċata, minn id tajba. Il-kampnari huma bilanċjati fiċ-ċentru tal-faċċata minn panew għoli, skolpit bil-kuruna u l-palma tal-martirju, naturalment bħala att ta' qima lil San Bastjan. L-iskultura tal-Ispirtu s-Santu f'nofs il-panew, stilizzat bir-raġġi, hija bla dubju ispirata, kważi ikkupjata, mill-istess element fil-knisja ta' Sant'Elena, f'Birkirkara.

Knejjes oħra f'Malta b'kantunieri unġjati huma dawk ta' Liesse (1740), u tal-Vitorja (faċċata ġdida 1752), it-tnejn fil-Belt Valletta; dik ta' Liesse għanda kampnar wieħed fuq il-faċċata li huwa angolat bħal ta' San Bastjan: il-kampnar tal-Vitorja qiegħed fil-ġenb tal-knisja.



Frendo Photographics

Għalkemm San Bastjan kien maħsub ukoll li jkollu koppla, din qatt ma nbniet, u sar biss it-tambur tagħha, bi tmien kantunieri, u xi erba' filati għoli. Il-koppla ssaqfet b'saqaf ċatt bix-xorok fuq it-travi tal-ħadid.[13]

Il-knisja minn ġewwa tikkonsisti fi spazju rettangolari bl-artal maġġur ġo abside aktarx ċatta, u żewġ artali oħra, wieħed f'kull ġenb, ittratati ftit jew wisq bħall-artal maġġur.

Ma kienx hemm mod ieħor għall-arkitett li jagħmel il-forma tal-knisja minn ġewwa minħabba l-ispazju ristrett. Jeżistu biss pilastri mal-ħitan, u mhux kolonni iżolati wkoll għar-raġunijiet ta' spazju, tal-Ordni Kompost li jaqblu fl-istil ma' dawk tat-taqsima ta' isfel fil-faċċata – eżempju ieħor tal-familjarità tal-perit mal-arti ta' l-arkitettura klassika. Dan jidher, b'eċċezzjonijiet żgħar, fil-knisja kollha, tant minn barra kif ukoll minn ġewwa. Id-difett ewlieni li wieħed josserva fil-knisja minn ġewwa huwa n-nuqqas ta' proporzjon fl-abside ta' wara l-artal maġġur, difett li kien jitnaqqas ħafna kieku ntuża iżjed ornament u elementi skolpiti.

It-twieqi li jagħtu d-dawl minn barra huma ftit – dan wieħed jifhmu meta niftakru li l-knisja hija mdawra bil-bini fil-ġnub. Biex ma tintilifx is-simmetrija hemm ukoll twieqi finta. Is-saqaf tal-knisja huwa troll, imma mhux bażat fuq il-ħnejja kumpass, iżda jew għat-terz jew elissi, ovvjament biex l-għoli tal-knisja jkun kontrollat mill-gwarniċa 'l fuq.

Il-bieb ewlieni huwa mudell interessanti tas-sengħa ta' l-injam. Il-bieb ta' barra tal-knisja għadu dak oriġinali, imħadded kollu kemm hu bl-imsiemer ta' Malta u ħadid ġenwin imsaħħan ġol-forġa u lavrat fuq l-inkwina. Il-panewijiet huma intavlati, bil-wieqaf minn barra u għax-xewka minn ġewwa, sistema li żammet lill-bieb daqs li kieku sar il-bieraħ, avolja jħares lejn in-nofs in-nhar u jara x-xemx kważi l-jum kollu.

Din l-ewwel knisja ta' San Bastjan f'Ħal Qormi llum hija x'aktarx vojta, għax ftit il-bogħod minnha hemm il-knisja l-ġdida spazjuża u moderna. J'Alla l-ewwel knisja tibqa' kkurata u preservata tajjeb bħala eżemplari mill-isbaħ ta' l-arkitettura ekkleżjastika Maltija ta' tmiem is-seklu dsatax.

* ***Michael Ellul B.E.&A., Dip.Arch. (Rest.) (Rome), A.&C.E., F.R.Hist.S.:*** Twieled l-Isla u studja fl-Università ta' Malta fejn ħa l-lawrija ta' perit u wara ħa diploma fir-restawr arkitettoniku mill-Università ta' Ruma. Fost oħrajn, wettaq id-dmirijiet ta' Kap tat-Taqsima tal-Antikitajiet fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, membru uffiċċjali Malti fil-Kumitat tal-Wirt Arkitettoniku tal-Kunsill ta' l-Ewropa, u ***lecturer*** fl-arkitettura fl-Università ta' Malta. Il-publikazzjonijiet tiegħu jinkludu ktieb fuq l-arkitettura Maltija u diversi studji f'rivisti xjentifiċi publikati Malta u fl-esteru dwar l-istorja, l-arkitettura u l-arti. Hu membru tal-kumitat tas-Soċjetà Storika (ta' Malta) u kien editur ta' ***Melita Historica*** għas-snin 1981/2.

1. M. Ellul, ***Heritage of an Island***, Malta 1975, p. 7.
2. Il-grigal jonfoħ dritt fuq Ħal Qormi minn ġo fomm il-Port-il-Kbir minn fuq il-pjanura fejn ma hemm xejn x'jilqa'. It-Tramuntana huwa milqugħ xi ftit mill-għolja ta' Birkirkara u l-Majjistral mill-għolja ta' Ħ'Attard.
3. ***New Catholic Encyclopaedia***, Catholic University of America, Washington, D.C., Vol. XIII, p. 18.
4. A. Ferres, ***Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo***, Malta 1866, p. 105.
5. S.M. Zarb u M. Buhagiar, ***St Catherine of Alexandria Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands***, Malta 1979, p. 162.
6. V. Borg, "Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija Sal-Jum tal-Konsagrazzjoni Tagħha", ***Il-Knisja Parrokjali ta' Ħal Lija***, (Ed. V. Borg), Malta 1982, pp. 44, pp. 48 – 51.
7. M. Buhagiar (Ed.), ***Marian Art during the 17th and 18th Centuries***, Malta 1983, p. 40: informazzjoni bażata fuq Borg, ***op. cit.***
8. Għal tagħrif fuq id-devozzjoni speċjali lejn San Bastjan bħala protettur tal-morda bil-pesta, ara J. Micallef, ***The Plague of 1676***, Malta 1985, pp. 51, 54, 55, 124.
9. M. Galea, ***The Plague of 1813 – 14 with special reference to Qormi***, Tezi B.A. (Gen.) 1971, Università ta' Malta.
10. P.P. Castagna, ***Storia ta' Malta***, Malta 1869, it-Tielet Parti, p. 106. Jekk id-data tat-twelid ta' Francesco Fabri mogħtija minn Castagna hija korretta, l-iskultur kellu madwar 86 sena meta ħadimha.
11. R. Mifsud Bonnici, ***Dizzjunarju Bijo-Bijografiku***, Malta 1960, p. 197.
12. L-arkitett Ġużeppi Borg huwa maħsub li kien il-perit tal-knisja, peress li meta x-xogħol li kien imbeda' fl-1880 waqaf għal kollox madwar l-1884 – 45 minħabba nuqqas ta' flus, kien il-Perit Borg li flimkien ma' ċertu Ġanni Schembri inkarigaw ruħhom li jiġbru tant fil-ġimgħa minn għand in-nies tal-qrib. Wieħed jista' jassumi, fl-assenza ta' provi kuntrarji, li l-Perit Borg kellu xi konnessjoni intima mal-knisja.
13. Taħt il-gwarniċa taċ-ċirku tal-koppla hemm imnaqqxa żewġ dati, 1890 – 1932. Dik ta' l-ewwel turi aktarx iż-żmien ta' meta x-xogħol kien laħaq sal-koppla. Skond informazzjoni li sab is-Sur Jos. F. Grima, fis-sena 1932 tbiddlu t-travi tas-saqaf tal-koppla taħt id-direzzjoni tal-Perit Carmelo Chetcuti u l-imgħallem Ġużeppi Xerri. Ara APSQ, RV III, p. 346.

355, MDINA ROAD, QORMI.
TEL:
46635

MUSCAT BROS.
MARBLE WORKS

MONUMENTS
STAIRCASES
PAVEMENTS
SKIRTINGS
FIREPLACES
ETC.



# BUSKETTO
## CONFECTIONERY

**Prop. SCERRI BROS.**

8 St. Bartholomew Street, Qormi
Tel: 47295

Accepts orders for:
Weddings, Baptisms and Parties

# TWANNY IRONMONGERY

265, Main Street, Qormi.
(fil-pjazza ta' San Pawl)
Tel. 47259

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa – 7.00 a.m. sas-7.00 p.m.**
**Is-Sibt – 7:00 a.m. sal-5.00 p.m.**

## Il-Post għall-aħjar kwalità ·ta' affarijiet bl-orħos prezzijiet.

Issibu kull kwalità ta' żebgħa, conduit tal-ħadid u P.V.C. u l-fittings tagħhom; wire ta' kull daqs u qies, kanen ta' l-ilma tal-ħadid u tal-plastic u l-fittings; tankijiet ta' l-ilma tal-fibre u asbestos; katusi u fittings ta' l-asbestos; kina u aċċessorji tal-kamra tal-banju; pajpijiet tal-misħun cement iswed u abjad; ġir ta' Malta u ta' barra; għodda; pajpijiet u fittings għad-drain u P.V.C.

snowhite

laundry and dry cleaning
upholstery and carpet cleaners

Main Road, Qormi – Malta
Telephone: 47000

*FREE COLLECTION AND DELIVERY*



# ABELA BROTHERS GARAGE

**Diesel & Petrol**
**Motor Mechanics**

Triq it-Tin, Qormi.
(Tel: 491579)
**We specialise on: Ford, Mazda, Transit.**

# CARO TRAVEL LTD

Iħabbru l-ftuħ ta' Aġenzija ta'
l-Ivjaġġar f'Ħal Qormi:
**20, St. Sebastian Street, Qormi.**

Tkunu tistgħu tibbukjaw kull xorta ta' passaġġi bl-ajru jew bil-baħar għal kull parti tad-dinja, kif ukoll ġiti speċjali għas-sajf, ġiti sportivi, Windsor Tours, Flaway Tours, Ġiti għal Katanja, u kull xorta ta' vaganzi.

*Prezzijiet speċjali għall-Amerika, Canada, u l-Awstralja.*

**CARO TRAVEL LTD**

Lic. P.2.

# XOGĦLIJIET TA' L-ARTI FIL-KNISJA L-QADIMA TA' SAN SEBASTJAN, ĦAL QORMI

Apprezzament Kritiku minn Mario Buhagiar*

Il-Knisja l-Qadima ta' S. Sebastjan għalkemm ma tistax tiftaħar bi storja twila u mżewwqa bħal ħafna knejjes parrokkjali oħra Maltin, mhix nieqsa, b'danakollu, minn ċertu interess arkitettoniku u artistiku. Inbniet fl-aħħar snin tas-seklu 19[1] u t-tifsila tal-bini u x-xogħlijiet li jżejnuha jirriflettu tajjeb ix-xejriet artistiċi ta' Malta ta' disgħin sena ilu. Il-knisja għandha tliet artali, kull wieħed bil-kwadru tiegħu. Tnejn minn dawn il-kwadri, it-titular u l-ieħor tar-Redentur, ħarġu mill-pinzell ta' Lazzaro Pisani (1854 – 1932). L-ieħor, tal-Madonna tar-Rużarju, jingħad li nġieb minn Napli.[2]

Lazzaro Pisani kien artist ta' ħila li sa issa, tneħħi xi ftit kitbiet 'l hawn u 'l hinn u li, fil-kotra tagħhom, huma ta' natura popolari u neqsin minn kumment kritiku, ftit li xejn sar sforz serju biex jiġi nifhum u apprezzat.[3] Artist prolifiku tal-kalibru ta' Pisani li għex medda ta' 78 sena u ħadem bla heda bil-fors ikollu mumenti aktar feliċi minn oħrajn. Mhux ix-xogħlijiet kollha tiegħu huma ta' l-istess livell: għandu xogħlijiet tajbin ħafna u oħrajn dgħajfin għax l-artist mhux magna u l-ispirazzjoni artistika hija kkontrollata minn fatturi psikoloġiċi u minn oħrajn estraneji għall-artist li ma tispjegahomx kif ġib u laħaq. Il-kwadri tal-knisja ta' S. Sebastjan ma jistgħux jingħaddu fost l-aħjar xogħlijiet ta' Pisani imma, minkejja dan, mhumiex neqsin minn ċertu nteress.

Imwieled Ħaż-Żebbuġ minn familja li kienet tgħodd fost il-membri tagħha lill-aħwa Francesco Saverio u Antonio Sciortino,[4] Lazzaro Pisani studja Ruma fejn tkisser fid-disinn fl-Accademia di S. Luca fi żmien meta fl-Italja kien hemm enfażi eżaġerata fuq l-istil klassiku tal-pittura. Ruma kienet maqtugħa mill-kurrenti artistiċi ġodda li kienu qed jonfħu minn naħa ta' Pariġi u l-biċċa l-kbira tal-artisti li kienu jgħixu f'dik il-belt kienu jħaddmu idjoma li kull ma tmur kienet qed issir dejjem aktar antikwata. Id-dixxiplina akkademika tat lil Pisani profiċjenza fid-disinn imma għamlitu wkoll konservattiv u, ngħiduha kif inhi, biex tirnexxi bħala artist f'Malta ta' mitt sena ilu (u għal ħafna snin wara wkoll) bilfors kellek tkun konservattiv. Il-ftit mili ta' baħar li jifirduna mill-Ewropa kellu effett ikrah fuq il-kultura Maltija u movimenti ġodda fl-arti ħafna drabi kienu jilħqu xtut gżiritna meta ġa kienu qdiemu fuq il-kontinent. Ħafna artisti ta' talent li tant dehru jippromettu fil-bidu tal-karriera tagħhom spiċċaw biex għerqu fl-għadira mdardra tal-medjokrità li hija s-saħta ta' ambjenti ċkejknin fejn jiddomina l-parrokkjaliżmu u fejn l-edukazzjoni, fis-sens veru u mhux materjalistiku tagħha, hija batuta.

Lazzru Pisani, bħal Ġużeppi Calì u artisti oħra ta' żmienu, biex jaqla x'jiekol kellu bil-fors jipprova jogħġob lill-prokuraturi tal-knejjes u klijenti oħra li, ngħiduha kif inhi, ftit li xejn kont issib fosthom min jifhem fl-arti u jkollu sensibilità artistika raffinata. Presunzjoni kien hawn ħafna imma tagħlim ftit li xejn. Li tiskanta hu kif Pisani u Calì, insemmi lilhom għax bejniethom immonopolizzaw ix-xena artistika Maltija għal madwar ħamsin sena sħaħ, minkejja d-diffikultajiet finanzjarji u l-faqar kulturali li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom, irnexxielhom iżommu livell artistiku konsiderevolment tajjeb.

Pisani kien it-tip intellettwali, aktarx maqtugħ għalih waħdu u megħdi bl-istudju. Għalkemm baqa' sa l-aħħar lejali lejn il-prinċipji akkademiċi tad-disinn u ma kienx jaqbel max-xejriet anti-klassiċi ta' l-arti moderna kien, xorta waħda, iżomm ruħu aġġornat mal-movimenti ġodda li, minn żmien l-Impressjonisti 'l hawn, ġabu rivoluzzjoni sħiħa fid-dinja artistika u qalbu ta' taħt fuq il-kunċett estetiku. Għalkemm f'manjera remota, l-influss tagħhom jinħass fix-xogħlijiet ta' Pisani speċjalment fil-mod kif kien iħaddem u juża ż-żebgħa li kien iħobb japplika f'impast aktarx oħxon jew bil-paletta jew inkella bil-ponta tal-pinżell. Dan kien joħloq effett ta' dwawar ta' kuluri; kif jgħid tajjeb Rafel Bonnici Calì, Pisani, xi minn daqqiet kien qisu jpinġi bit-tajjar kulurit.[5] Din it-teknika setgħet kienet spirata mill-iżviluppi nteressanti fil-qasam fix-xjenza ottika li leħqu l-quċċata tagħhom fl-aħħar għoxrin sena tas-seklu 19 u li tant kellhom influwenza kbira fuq l-artisti Neo-Impressjonisti Franċiżi, speċjalment Georges Seuret (1859 – 91) u Paul Signac (1863 – 1953).[6] Pisani kien jinteressa ruħu wkoll fil-kimika tal-kuluri. Bonnici Calì, li l-ħidma tiegħu ta' ristawratur ġabitu f'kuntatt intimu max-xogħlijiet ta' Pisani, kiteb hekk:[7]

> Biex jikseb il-permanenza tal-kuluri . . . kien ġie li warrab fil-ġenb xi toni ħelwin tal-kuluri dgħajfa, u nqeda b'kulur rożż imma b'saħħtu, għax . . . kien jaf sewwa l-komposizzjoni kimika tal-materjal li bih kien jinqeda u r-reazzjoni li tista' ssir maż-żmien. Il-pittura ta' Pisani, infatti, ma wriet ebda ħsara kimika.

F'din l-introduzzjoni kemmxejn twila ippruvajt nagħti l-informazzjoni meħtieġa biex wieħed ikun jista' japprezza sewwa l-kwadri ta' Ħal Qormi li issa nistgħu niddiskutuhom fid-dettal.

### 1. San Sebastjan

Il-kwadru titulari ta' San Sebastjan kien għotja lill-knisja tas-Saċerdot Dun Salv Agius li l-arma tiegħu, flimkien ma' iskrizzjoni kommemorattiva,[8] hija mpittra fuq it-tila flimkien mal-firma ta' l-artist u d-data 1889.

F'pajsaġġ imdawwal min sema kaħlani sfumat bl-ilwien roża ta' nżul ix-xemx, San Sebastjan marbut ma' zokk oħxon ta' siġra kbira, minfud minn tliet vleġeġ, jgħolli ħarstu 'l fuq lejn Messaġġier t'Alla li qed inewwillu l-Kuruna tal-Glorja u l-Palma tal-Martri. Il-figura stupenda taż-żagħżugħ Sebastjan, li aktar tfakkrek f'xi Adonis Grieg milli f'qaddis Nisrani li ċarċar demmu għal twemminu, hija xhieda tal-kapaċità ta' Pisani fin-nudo u l-isbaħ ċertifikat għall-istudji tiegħu fl-Accademia di S. Luca. Ma hemm xejn devot jew reliġjuż f'din il-figura anatomikament perfetta u mill-ġrieħi tal-vleġeġ bil-kemm il-kemm iċċarċar qatra waħda demm. Sabiħ ferm hu l-panniġġ naturali tal-biċċa drapp twila li biha jitħażżem il-qaddis u li minn madwar ġenbejh taqa' f'kaskata ta' kurvi retoriċi għal wara

saqajh u l-bjuda tagħha tirkaċċja massmurija tal-ġilda. Għalkemm qed ivenven ir-riħ u l-friegħi għera tas-siġar fil-bogħod jitgħawġu taħt il-qilla tiegħu, l-artist donnu joħloq bħal vakum madwar il-qaddis li donnu la jħoss ir-riħ u lanqas is-sirda ta' nżul ix-xemx f'jum tal-ħarifa – għax il-friegħi għera tas-siġar iġġheluk taħseb f'dan l-istaġun.

Ir-rapport li Pisani joħloq bejn San Sebastjan u l-pajsaġġ jista' jiġi mxebbah ma' dak ta' bejn attur u xena mpittra fuq il-palk. Fi kliem ieħor, il-figura tal-qaddis u l-pajsaġġ li l-pittur ħoloq madwaru ma jikkomplimentawx wieħed il-ieħor. It-tnejn għandhom il-merti tagħhom imma t-tnejn jistgħu jgħaddu mingħajr xulxin. Dan hu difett għax inaqqas mill-omoġenità tal-kwadru. Il-komposizzjoni hi wkoll aktarx bagħtuta u l-ħafna siġar joħolqu element ta' konfużjoni li ma jħallux l-għajn tistrieħ fuq San Sebastjan li x-xbiha tiegħu issofri wkoll mill-fatt li hi sproporzjonalment ċkejkna għad-daqs tal-kwadru. Donnu li s-siġra li hu marbut magħha għandha aktar prominenza minnu. Imma l-aktar ħaġa li tistona hi l-figura bla grazzja ta' l-anġlu fin-naħa ta' fuq tal-kwadru, fir-rokna tal-lemin.[9] Il-perspettiva ta' din il-figura hi waħda diffiċli[10] u toħloq problemi li Pisani ma rnexxilux isolvi b'mod sodisfaċenti. Kien ikun aħjar kieku pprova jsib poża aktar sempliċi għall-anġlu. Imma l-figura ta' l-anġlu tiddiżappuntak ukoll mil-lat kromatiku għax il-lewn jgħajjat tal-libsa tiegħu ma jaqbilx mal-kuluri aktarx iżjed delikati tal-kumplament tal-kwadru. Il-ħaġa waħdanija li tiġġustifika l-qagħda ta' l-anġlu u l-ilwien tiegħu hija s-sens ta' bilanċ li dawn joħolqu mal-korazza u l-porpra tal-qaddis fir-rokna tax-xellug fin-naħa t'isfel tal-kwadru.



*Il-pittura tat-titular fl-artal maġġur tal-Knisja l-qadima.*

Il-pajsaġġ għandu nteress konsiderevoli, l-aktar minħabba l-impost oħxon li bih hi applikata ż-żebgħa. It-teknika, il-kuluri u l-effetti atmosferiċi ifakkruk fil-veduti ta' pitturi Taljani tas-seklu 19 bħal ma kienu, per eżempju, Ettore Cercone (1850 – 1901) u Marco De Gregorio (1829 – 1875) li Pisani kien aktarx familjari max-xogħlijiet tagħhom. L-istess effett narawh ukoll f'veduta żgħira ta' pajsaġġ f'inżul ix-xemx, xogħol ta' Giuseppe Calì, fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, il-Belt.[11]

Fuq kull naħa tal-kwadru ta' San Sebastjan kien hemm żewġ pitturi oħra, it-tnejn xogħol ta' Lazzaro Pisani li kienu juru rispettivament lil San Sebastjan qed jgħammed u lil San Sebastjan qed ifejjaq lill-morda.[12] Dawn il-kwadri mid-dehra ħadd ma jaf x'sar minnhom u ilhom żmien li tneħħew minn posthom. Jingħad li ma kienux għoġbu lill-Isqof Pietro Pace u li minħabba f'hekk qegħdu minn flokhom ix-xbihat tal-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija,[13] xogħlijiet dgħajfin ta' pittur medjokri li kien iġib l-isem ta' Ġiuseppe Cefail.[14]

## 2. Ir-Redentur

Dan huwa kwadru ferm aktar devot minn dak ta' San Sebastjan u, fil-qasam ta' l-arti reliġjuża Maltija ta' dawn l-aħħar mitt sena, inħoss li għandu jingħata importanza konsiderevoli. Fil-baħħ ta' pajsaġġ aridu li fih ma jikber xejn ħlief xewk selvaġġ, Kristu jġorr salibu waħdu u waħdu jterraq it-triq imħarbta tal-Golgota. Il-figura monumentali tiegħu hija traġika fis-solitudini tagħha u l-ġest profond ta' idu l-leminija jesprimi b'mod elokwenti d-dieqa li qed taħkimlu qalbu u ddallam wiċċu bin-niket. Ma hemm ħadd min isabbru, ma hemm ħadd min iwieżnu u l-anġlu li jinżel mis-sema, minflok ifarrġu, jaħbi wiċċu biex ma jarax it-twettieq tat-traġedja l-kbira ta' l-umanità.



*L-artal tar-Redentur fil-Knisja l-qadima.*

Il-kuluri huma rozzi, kważi brutali fl-ilwien skuri tagħhom, u ż-żebgħa hija applikata f'impost oħxon b'teknika kważi impressjonistika. Dan huwa kwadru stramb u nistqarr li meta rajtu l-ewwel darba ixxukkjani. Ma l-ewwel daqqa ta' għajn, tant jidher differenti minn xogħlijiet oħra ta' Pisani u tant jidher modern fil-konċett tiegħu, li kieku ma kienx għall-fatt li hu ffirmat u ddatat kont nispiċċa nattribwih lill-artist aktar reċenti. Fi studju ieħor li ppubblikajt xi snin ilu,[15] kont aċċennajt għall-elementi moderni fl-arti ta' Pisani u għidt li nara rabta bejn l-aħħar xogħlijiet tiegħu u l-ewwel xogħlijiet ta' Giorgio Preca (1909 – 1983) u l-pittura ta' Anton Inglott (1915 – 1945).[16] Kien wassalni għal din il-konklużjoni l-kwadru tal-**Martirju ta' Santa Katarina** fil-knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk li l-artist pinġa fl-1932 ftit xhur biss qabel ma miet. Il-kwadru tar-Redentur huwa kwadru ferm aktar bikri għax sar fl-1888 meta Pisani kien għadu fil-bidu tal-karriera tiegħu;[17] għal żmienu, meta tqis il-klima arċikonservattiva ta' l-arti Maltija ta' dik il-ħabta, kien xogħol ferm aktar rivoluzzjonarju mill-**Martirju ta' S. Katarina** u nazzarda ngħid li ma tantx intlaqa' tajjeb. Il-fatt li tlesta fl-1888 meta l-knisja kien l-anqas għada lesta iġgħalek taħseb li seta' kien ġie kkummissjonat minn xi knisja oħra imma ma ntoġgħobx u ġie mwarrab sakemm,

b'mod jew ieħor, sab ruħu fil-knisja ta' S. Sebastjan.[18]

F'dan il-kwadru, Pisani, momentarjament, jirrinunċja għall-idjoma akkademika biex minflok jesperimenta fi stil aktar espressiv. Għaldaqstant dan huwa xogħol importanti għax jurina kemm Pisani seta' jiżviluppa artistikament kieku ma kienx imxekkel mill-gosti medjokri tal-klijenti tiegħu.

Seta' kien fuq insistenza ta' min ikkummissjona l-pittura li Pisani daħħal il-figura ta' l-anġlu fin-naħa ta' fuq tal-kwadru. Din hi figura fjakka u sfurzata u l-pittura tbati minħabba fiha. Setgħet faċilment tħalliet barra u l-komposizzjoni tagħtik x'tifhem li Pisani ma kienx ħaseb għaliha meta ipproġetta l-kwadru. Kienet x'kienet ir-raġuni jibqa' l-fatt li l-figura dgħajfa u fantasmagorika ta' l-anġlu tistona mal-figura dinamika ta' Kristu u tkerrah il-kwadru.

Il-kwadru ġie restawrat xi snin ilu minn Manwel Borg Gauci.[19] Fil-ġnub tiegħu hemm żewġ kwadri laterali li juru wieħed is-Sagra Familja u l-ieħor lil Sant'Anna. It-tnejn huma xogħlijiet fjakki ħafna ta' Giuseppe Cefail.[20]

### 3. Il-Madonna tar-Rużarju

Dan huwa xogħol ta' artist mhux magħruf li, skond ma jingħad, inġieb minn Napli.[21] Ħalset għalih il-familja Gulia li n-nies kienet tafha bil-laqam 'taż-Żubrun'.[22] L-arma tal-familja, mgħaqqda ma dik ta' Schembri, tidher fir-rokna tax-xellug fin-naħa t'isfel tat-tila.

Il-komposizzjoni hija mfassla tajjeb fuq skema djagonali u l-pittura għandha wkoll interess kromatiku. Il-kuluri huma ħelwin u fihom jippredominaw tonalitajiet griżi jagħtu fil-fidda. Sabiħ ferm huwa r-roża tal-libsa tal-Madonna li, filwaqt li jdaħħal nota lirika, fl-istess ħin jinfasizza l-importanza tal-Verġni Mqaddsa li tidher fin-naħa ta' fuq tal-kwadru, fil-ġenb tax-xellug, fuq sħaba mimlija dawl, bil-Bambin fi ħdana, biex tagħti l-Kuruna tar-Rużarju lil San Duminku li jinżel għarkobbtejh f'riġlejha. Ħdejn San Duminku naraw is-simbolu tiegħu (jiġifieri kelb b'torċa f'ħalqu), il-globu tad-dinja, u żewġ kotba, wieħed blu, l-ieħor aħmar, li jgħatu l-bilanċ kromatiku meħtieġ lill-komposizzjoni. Mil-lat ikonografiku l-pittura hija nteressanti minħabba li titħalla barra l-figura ta' Santa Katarina ta' Siena li soltu tippariġġja lil San Duminku fi kwadri tar-Rużarju.

Il-parti t'isfel tat-tila ġarrbet ħsarat konsiderevoli minħabba l-umdità u l-ilma tax-xita li kien daħal minn xi fissuri fl-istruttura tal-knisja u, bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, kienu laqtgħuha b'sellum



*L-artal tar-Rużarju fil-Knisja l-qadima.*

u faqgħu l-parti t'isfel tagħha.[23] Ix-xogħol ta' restawr sar minn Pawlu Camilleri-Cauchi.[24]

Il-kwadri tal-ġnub, li juru wieħed lil Santa Tereża ta' Ġesù u l-ieħor lil Santa Roża ta' Lima, huma neqsin mill-interess artistiku. Skond Psaila,[25] ħadimhom ċertu Salvu Bonnici, artist medjokri ħafna li l-istil tiegħu hu taħlita ta' elementi barokki oħrajn ta' l-Iskola Nażżarena ta' Giuseppe Hyzler.

* * *

Għalkemm ma għandux x'jaqsam mal-knisja l-qadima ma xtaqtx ma nagħmilx referenza żgħira għal xogħol ieħor, ta' nteress artistiku, li għandha l-parroċċa ta' San Sebastjan. Dan huwa altoriliev maħdum fil-konkrit li qabel ma tlestiet il-knisja l-ġdida kien iservi ta' ventartal għall-artal li kien hemm fil-kripta tal-knisja u li għamlet żmien isservi bħala ċ-ċentru liturġiku tal-parroċċa. Ħadmu fl-1951 l-artist Qormi Manwel Borg Gauci (t.1911) li spikka l-aktar fl-iskultura u għandu diversi xogħlijiet li jagħmlulu ġieh. Il-ventartal kien maqsum fi tliet taqsimiet: panew kbir fin-nofs u żewġ panewijiet dojoq fil-ġnub. Fil-panew tan-nofs hemm figura akkademika, ta' ispirazzjoni klassika, maħduma tajjeb ferm li turi lil San Bastjan mejjet megħjun minn żewġ anġli f'poża aktarx stilizzata, li wieħed minnhom iwieżen ras il-qaddis u l-ieħor iżomm it-tliet vleġeġ tal-martirju. Fin-nofs wara l-qaddis hemm, imbagħad,



*L-artal maġġur tal-Kripta tal-Knisja l-ġdida (kif kien qabel).*

figura oħra ta' anġlu, aktar stilizzata, li qed iżomm f'idejh skrizzjoni ornamentali bil-kitba **ECCLESIAE DEFENSOR**. Fil-panewijiet tal-ġnub kien hemm żewġ figuri oħra ta' anġli, it-tnejn li huma stilizzati, li wieħed iħares lejn il-lemin u l-ieħor lejn ix-xellug. Dan il-ventartal illum, sfortunatament, jinsab żmembrat għax fil-waqt li l-panew tan-nofs ġie mwaħħal ma wieħed mill-ħitan tal-kripta, iż-żewġt anġli tal-ġnub tqiegħdu wieħed fuq kull naħa ta' l-artal. Dan ma tantx kien arranġament feliċi u wieħed jispera li l-ventartal għad jista' jerġa' jiġi mmuntat mill-ġdid u apprezzat kif jistħoqqlu bħala biċċa xogħol valida ta' l-arti.

* ***Mario Buhagiar B.A. Hons.(Lond.), M.Phil.(Lond.):*** Twieled Raħal Ġdid, studja fl-Università ta' Londra u qed jipprepara teżi għad-dottorat (Ph.D.) fl-istess Università. Speċjalizza fl-Istorja ta' l-Arti u l-Antikitajiet Paleokristjani tal-gżejjer Maltin. Bejn l-1967 u l-1971 ntbagħat mal-Mużew Nazzjonali biex jaħdem fuq il-kumpilazzjoni ta' inventarju għall-protezzjoni ta' monumenti u bini simili li kien qed jagħmel il-gvern Malti flimkien mal-Kunsill ta' l-Ewropa. Hu ***occasional lecturer*** fl-Università ta' Malta u fil-Fakultà tat-Teoloġija u l-awtur ta' diversi studji speċjalizzati partikolarment dwar il-katakombi Maltin, oqbra fil-blat, l-arkitettura medjevali tal-knejjes, pittura fuq l-injam u arti popolari li dehru f'diversi rivisti xjentifiċi, flimkien ma' ktieb fuq il-kult u l-arti dwar Santa Katarina f'Malta. Hu membru tal-kumitat tas-Soċjetà Storika (ta' Malta) u l-editur ta' ***Proceedings of History Week***.

1. Dwar l-istorja u l-bini tal-knisja ara l-artikoli ta' J.F. Grima u M. Ellul, ***infra***.
2. C. Psaila, ***Il-Knisja Arċimatriċi ta' Ħal Qormi Bil-Ġrajja Tagħha***, Malta 1937, p. 179.
3. Jien stess kont ktibt apprezzament qasir ta' dan l-artist fil-ktieb tiegħi ***St. Catherine of Alexandria: Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands*** (Malta 1979), pp. 213 – 214, u minn żmien għal żmien ippublikajt ukoll xi studju 'l hawn u 'l hinn fuq kwadri partikolari. Barra minn dan, qed niġbor materjal għal studju fit-tul tal-ħidma pittorika tiegħu. Fost kitbiet oħra, valida ħafna hija nota qasira "Xogħlijiet ta' Lazzaro Pisani fil-Knejjes ta' Malta" li Rafel Bonnici Calì kiteb għall-katalogu tal-wirja kommemorattiva ta' l-artist li kienet ittellgħet fl-1960: ara Institute for Cultural Exchanges, ***Lazzaro Pisani (1854 – 1932) – A Commemorative Exhibition of his works – Strand Palace, Kingsway, Valletta 3rd to 15th May 1960.***
4. Dawn kienu jiġu primi kuġini ta' Lazzaro Pisani minn naħa ta' ommu, Maria Concetta Sciortino.
5. R. Bonnici Calì, ***op. cit.***
6. F'dan il-kuntest kienu importanti ħafna l-kitbiet dwar il-fenomeni ottiċi ta' David Sutter li ġew ippublikati fl-1880.
7. Bonnici Calì, ***op. cit.***
8. L-għotja saret meta l-knisja kienet għada l-anqas biss ġiet imżanżna u ma neskludix il-possibiltà li l-kwadru setgħa sar b'wegħda. Dun Salv Agius mid-dehra ma kienx għamel mal-kleru ta' Ħal Qormi għax ismu mhux imniżżel fil-lista tal-"Kleru ta' Ħal Qormi Mill-1706 'il Hawn" ippublikata mill-Kan. Dun Ġwakkin Schembri, bħala Appendiċi VI fil-ktieb ***Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi – Erba' Sekli ta' Storja*** (editur J.F. Grima), Malta 1984, pp. 147 – 153. L-iskrizzjoni fuq il-kwadru tgħid biss: ***EX DONO SAC. SALV. AGIUS.*** Skond C. Psaila, ***op. cit.***, p. 179, Dun Salv kien qassis mill-Belt. Mill-banda l-oħra, is-sur Ġużeppi Cini mill-Parrocca ta' S. Sebastjan, Ħal Qormi, raġel imdaħħal fl-età li minn dejjem kellu rabtiet mill-qrib mal-knisja, infurmani li Dun Salv kien mill-Furjana. Huwa qalli wkoll li ħalla bħala donazzjonijiet oħra aspergis tal-fidda u loppa ta' lampier.
9. Fid-deskrizzjoni tal-kwadri l-kliem ***xellug*** u ***lemin*** ifissru x-xellug u l-lemin ta' min ikun qed iħares lejn il-pittura.
10. Fit-terminoloġija artistika nsejħulha ***foreshortening***.
11. Dan il-kwadru (68cm × 42cm) jifforma parti mill-***Edward Caruana Dingli Bequest***. Ara A. Espinosa Rodriguez "The Provenance of the Paintings on Permanent Display at the National Museum of Fine Arts", ***Proceedings of History Week 1983*** (editur Mario Buhagiar), Malta 1984, p. 106.
12. C. Psaila, ***op. cit.***, p. 179.
13. ***Ibid.***
14. ***Ibid.*** Skond Psaila dawn iż-żewġ kwadri kienu ġew mgħotija lill-knisja mill-istess Isqof Pace. Dwar Giuseppe Cefail ma rnexxilix sa issa, nsib ebda nformazzjoni. Seta' kien xi pittur Sqalli li kien jaħdem Malta.
15. M. Buhagiar, ***St. Catherine of Alexandria – Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands***, Malta 1979, pp. 213 – 214.
16. Lil Preca tista' tqisu missier l-Arti Moderna Maltija. Fil-qasam reliġjuż Preca ipproduċa xogħol importanti, ***Il-Kruċifissjoni***, li 'llum jinsab fil-knisja ta' Bir-id-Deheb, iż-Żejtun.
17. Id-data 1888 u l-firma ta' l-artist jidhru fir-rokna tal-lemin, fin-naħa t'isfel tal-pittura.
18. Hekk kien ġara fil-każ tal-***Kruċifissjoni*** ta' Preca, pittura li tant kienet qanqlet rejazzjoni ostili li kellha dlonk titwarrab mill-knisja li kienet ikkommissjonata.
19. Informazzjoni ġentilment mgħotija mis-sur Ġużeppi Cini.
20. C. Psaila, ***op. cit.***, p. 179.
21. ***Ibid.***
22. ***Ibid., Errata Corriege***, p. ii.
23. Informazzjoni ġentilment mgħotija mis-sur Ġużeppi Cini.
24. ***Ibid.***
25. C. Psaila, ***op. cit., Errata Corrige***, p. ii.

* * * * *

# JOSEPH AQUILINA

(M'għandna l-ebda konnessjoni ma' xi ditta oħra
f'Ħal Qormi jew x'imkien ieħor)

231, Victory Street, Qormi. Tel: 47394

**Għall kull kwalità ta' xogħol tal-metall, Gaġeġ tal-fniek u tat-tiġieġ, Trunking għall-elettriku, landi għad-dulċiera, Ferro Battuto, xogħol ta' ram, etc.**




Lisbon

## A. MIFSUD

**(LISBON)**

**Wine, Spirit &**
**Squashes Manufacturer**

**16, New Street, Qormi &**

16, New Street, Qormi &
St. Edward Street, Qormi.
Tel: Residence 47276/46542

## M. DEBONO JEWELLERY
(Mario Debono)

Correa Street, Qormi
Tel. 496845

**Gold and Silver goods**
**Lead Crystall**
**Silver plate**

***GOLD AND SILVER REPAIRS***




## ta' kirkop

**10 ST. SEBASTIAN STR., QORMI**

IRONMONGERY

PAINTS: PLASTIC EMULSION
GLOSS/MATT FINISH
HOUSEHOLD GOODS
PLASTICS – CARPETS
WATER/ELECT. FITTINGS
GLASS CUTTING
FRAME MAKERS
ALUMINIUM DOORS
WINDOWS, ETC.,

HOUSEHOLD



# ATTARD BROS.

48, Triq il-Vittorja, Qormi.
Tel: 47403

***Nogozjant fil-ġir, siment, pajpijiet ta' l-asbestos, u kulma jenħtieġ għax-xogħol tal-bini.***

BAR-B-Q OPEN AIR
BY THE POOL AT

# THE CARIBBEAN

BAR AND RESTAURANT

Ħal Far Tel: 871157




*Għall-orħos prezzijiet u l-aqwa kwalità.*
*Fejn issibu dak kollu li tixtieq qalbkom*
*għall-familja kollha.*

**FRANS & JULIA**

44/110, St. Bartholomew Street, Qormi.
Tel. 46175

# CPA LTD.

## Skont ta' 10%







GRACEFUL BOUTIQUE
125, Main Street, Qormi.
Tel. 40862

Għal kull xorta ta' lbies:
irġiel, nisa, tfal u trabi.

DENISON FOOTWEAR
119, Main Street, Qormi.
Tel. 40862

Issibu għażla ta' żraben,
sandlijiet, krakar għall-irġiel,
nisa, tfal u trabi.

**JINGĦATA SKONT TA' 10 FIL-MIJA LIL KULL MIN JURI DAN IR-RIKLAM SA L-AĦĦAR TA' AWISSU 1986 FIL-ĦWIENET TAGĦNA.**

# Innu lil San Sebastjan



F'Jum il-ferħ tal-kbira festa,
L-ilsna, l-qlub kollha, jtennulek,
Sebastjan; f'dal-jum ta' mħabba
Inni sbieħ ukoll jinsġulek.

F'dan il-jum, il-ħlejjaq kollha
L-art, il-baħar u s-smewwiet
Tifħir, glorja lilek jagħtu
Ta' l-ikbar għeġubijiet.

Minn tad-dinja banda għall-oħra
Jidwi kbir u sabiħ ismek
Għalkemm l-isem le ma jisboq
Ta' min ħalqek Hu aqwa minnek.

O glorjjuż suldat qalbieni
Minn t'appostlu prova tajt
Hemm fil-ħabs minn ta' Nikostratu
T'Alla l-kelma int ippridkajt.

F'Ruma wisq kienu l-pagani
L-fidi ħaddnu mħabba fik
Ċarċru demmhom, mietu martri
Wardiet sbieħ wisq kienu għalik.

Sliem għalik O Tawmaturgu
Difensur tal-fidi tagħna
B'dik l-imħabba li fik tgħammar
Deh' mexxina u ieqaf magħna.

Agħmel int li jitrażżnu
It-tempesti, l-mard u l-ġuħ
U żerniq ta' ġranet isbaħ
F'ferħ jitbiddel tagħna d-dmugħ.

B'leħen wieħed u b'qalb waħda
Kif aħna llum ferħanin
Viva ngħajtu 'SEBASTIANO'
Protettur tagħna l-Qormin

23.4.37 F.ABELA